RIŻOLUZZJONI (UE) 2021/1545 TAL-PARLAMENT EWROPEW

tad-29 ta' April 2021

li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2019, Taqsima I — Il-Parlament Ewropew

IL-PARLAMENT EWROPEW,

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2019, Taqsima I – Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Artikolu 104(3) u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0044/2021),

A. billi, fiċ-ċertifikazzjoni tiegħu tal-kontijiet finali, l-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Parlament Ewropew (il-"Parlament") iddikjara l-aċċertament raġonevoli tiegħu li l-kontijiet, fl-aspetti materjali kollha, jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja, ir-riżultati tal-operazzjonijiet u l-flussi tal-flus tal-Parlament;

B. billi, skont il-proċedura tas-soltu, intbagħtu 192 mistoqsija lill-amministrazzjoni tal-Parlament u t-tweġibiet bil-miktub waslu u ġew diskussi pubblikament mill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament, fil-preżenza tal-Viċi President responsabbli għall-Baġit, is-Segretarju Ġenerali, id-Direttur tal-Awtorità għall-Partiti Politiċi Ewropej u l-Fondazzjonijiet Politiċi Ewropej (l-"Awtorità") u l-awditur intern;

C. billi, dejjem hemm lok għal titjib f'termini ta' kwalità, effiċjenza u effettività fil-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, u hemm bżonn ta' skrutinju biex jiġi żgurat li l-amministrazzjoni u t-tmexxija politika tal-Parlament jagħtu rendikont ta' għemilhom liċ-ċittadini tal-Unjoni,

Il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja tal-Parlament

1. Jinnota li l-approprjazzjonijiet finali tal-Parlament għall-2019 ammontaw għal EUR 1 996 978 262, jew 18,5 % tal-Intestatura V tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali ([1]) allokati għall-infiq amministrattiv għall-2019 tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni fit-totalità tagħhom, u li jirrappreżentaw żieda ta' 2,4 % fuq il-baġit tal-2018 (EUR 1 950 687 373);

2. Jinnota li d-dħul totali li tniżżel fil-kontijiet sal-31 ta' Diċembru 2019 kien jammonta għal EUR 207 521 070 (meta mqabbel ma' EUR 193 998 910 fl-2018), li jinkludi EUR 36 566 236 minn dħul assenjat (meta mqabbel ma' EUR 30 783 590 fl-2018);

3. Jenfasizza li erba' kapitoli kienu jirrappreżentaw 67,8 % tal-impenji totali: Kapitolu 10 (Membri tal-istituzzjoni), Kapitolu 12 (Uffiċjali u persunal temporanju), Kapitolu 20 (Bini u spejjeż assoċjati) u Kapitolu 42 (Nefqa relatata mal-assistenza parlamentari), li jindika livell għoli ta' riġidità fil-biċċa l-kbira tan-nefqa tal-Parlament;

4. Jinnota ċ-ċifri li abbażi tagħhom ingħalqu l-kontijiet tal-Parlament għas-sena finanzjarja 2019, speċifikament:

(a) **Approprjazzjonijiet disponibbli (EUR)**	
approprjazzjonijiet għall-2019:	1 996 978 262
riporti mhux awtomatiċi mis-sena finanzjarja 2018:	—
riporti awtomatiċi mis-sena finanzjarja 2018:	299 095 028
approprjazzjonijiet li jikkorrispondu għal dħul assenjat għall-2019:	36 566 236
riporti li jikkorrispondu għal dħul assenjat mill-2018:	49 010 988
Total:	2 381 650 514

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884).

(b) **Użu ta' approprjazzjonijiet fis-sena finanzjarja 2019 (EUR)**	
impenji:	2 332 411 812
pagamenti li saru:	2 035 068 314
approprjazzjonijiet riportati awtomatikament inklużi dawk li ġejjin minn dħul assenjat:	306 712 540
approprjazzjonijiet riportati mhux awtomatikament:	—
approprjazzjonijiet ikkanċellati:	38 744 124
(c) **Dħul tal-baġit (EUR)**	
riċevuti fl-2019:	207 521 070
(d) **Il-karta tal-bilanċ totali fil-31 ta' Diċembru 2019 (EUR)**	1 685 376 397

5. Jindika li 98,8 % tal-approprjazzjonijiet imdaħħla fil-baġit tal-Parlament, li ammontaw għal EUR 1 973 232 524, ġew impenjati, b'rata ta' kanċellazzjoni ta' 1,2 %; jinnota b'sodisfazzjon li, bħal ma ġara fis-snin preċedenti, inkiseb livell għoli ħafna ta' implimentazzjoni tal-baġit; jinnota li l-pagamenti ammontaw għal EUR 1 698 971 864, u dan irriżulta f'rata ta' eżekuzzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' pagament ta' 86,1 %;

6. Jissottolinja l-fatt li l-approprjazzjonijiet kanċellati għas-sena 2019, li ammontaw għal EUR 23 745 738, kienu prinċipalment relatati man-nefqa relatata ma' bini, kif ukoll ma' remunerazzjoni u intitolamenti;

7. Jinnota li fis-sena finanzjarja 2019 ġew approvati tmintax-il trasferiment skont l-Artikoli 31 u 49 tar-Regolament Finanzjarju, li ammontaw għal EUR 76 028 316 jew 3,8 % tal-approprjazzjonijiet finali; josserva li 45,3 % tal-fondi ttrasferiti kienu relatati mal-politika immobiljari tal-Parlament u, fil-maġġoranza, b'mod partikolari, biex jgħinu l-finanzjament tal-pagamenti annwali għall-proġett tal-bini Adenauer; jinnota li t-trasferimenti marbuta mal-posponimenti fir-rigward tad-deċiżjoni tar-Renju Unit li joħroġ mill-Unjoni Ewropea ammontaw għal 25 %;

L-opinjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet għall-2019 u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet

8. Ifakkar li l-Qorti tal-Awdituri (il-"Qorti") tagħmel valutazzjoni speċifika tal-infiq amministrattiv u nfiq ieħor bħala grupp ta' politika uniku għall-istituzzjonijiet Ewropej kollha; jindika li l-infiq amministrattiv u relatat jinkludi n-nefqa għar-riżorsi umani (salarji, allowances u pensjonijiet), li jirrappreżenta 60 % tat-total, u n-nefqa għall-bini, it-tagħmir, l-enerġija u t-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni;

9. Jikkonstata li l-evidenza kumplessiva tal-awditjar tindika li l-infiq fuq "amministrazzjoni" mhuwiex milqut minn livell materjali ta' żball; jinnota wkoll li, abbażi tat-tliet żbalji kwantifikati, il-livell ta' żball stmat preżenti fl-Intestatura 5 tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali dwar l-amministrazzjoni huwa taħt il-livell limitu ta' materjalità;

10. Jinnota s-sejbiet speċifiċi, rigward il-Parlament, li jinsabu fir-rapport annwali tal-Qorti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit li jikkonċerna s-sena finanzjarja 2019 (ir-"rapport tal-Qorti"); jinnota bi tħassib li l-Qorti sabet żbalji f'pagament lil wieħed mill-partiti politiċi Ewropej, li kienu jikkonċernaw nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-eliġibbiltà tan-nefqa, b'mod speċjali, u ma ġie pprovdut l-ebda dokument kuntrattwali bil-miktub u l-ebda evidenza ta' sostenn għall-ispejjeż li fil-fatt ġew imġarrba; jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-Qorti rrappurtat nuqqasijiet simili fi tranżazzjonijiet relatati ma' gruppi politiċi u ma' partit Ewropew fir-rapporti annwali tagħha fl-2014, l-2015 u l-2016; jitlob li jkun hemm aktar trasparenza fl-iskambju ta' informazzjoni sabiex tiġi prevenuta kwalunkwe repetizzjoni ta' dawn in-nuqqasijiet fil-ġejjieni; jinnota, madankollu, li għalkemm għad hemm lok għal titjib, matul dawn l-aħħar snin kien hemm żvilupp pożittiv kbir;

11. Jinnota t-tweġiba mogħtija mill-Parlament fil-proċedura kontenzjuża mal-Qorti, li eżaminat mill-ġdid u indirizzat il-każijiet individwali enfasizzati bħala riżultat tas-sejbiet tal-Qorti; ifakkar li, filwaqt li l-amministrazzjoni tal-Parlament hija s-servizz awtorizzanti għall-ħlas tal-għotja lill-partiti politiċi Ewropej, mhijiex responsabbli għan-nefqa reali tagħhom, u li l-partiti politiċi Ewropej innifishom huma responsabbli għal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet tagħhom; jinnota li l-Parlament ipprovda lill-partiti politiċi Ewropej informazzjoni komprensiva u gwida dwar suġġetti li fir-rigward tagħhom ġew identifikati problemi; jistieden lill-Qorti tivverifika l-infiq tal-partiti politiċi Ewropej fuq bażi regolari;

Ir-rapport annwali tal-awditur intern

12. Jinnota li, fil-laqgħa tal-kumitat responsabbli mal-Awditur Intern li saret fis-16 ta' Novembru 2020, l-awditur intern ippreżenta r-rapport annwali tiegħu u ddeskriva l-awditjar ta' aċċertament li wettaq u rrapporta dwarhom, li fl-2019 koprew is-suġġetti li ġejjin:

— awditjar tal-akkwist u tal-implimentazzjoni tal-kuntratti fis-settur tal-forniment tal-ikel (id-Direttorat Ġenerali għall-Infrastruttura u l-Loġistika (DĠ INLO);

— awditjar tal-gruppi ta' viżitaturi (Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni (DĠ COMM));

— awditjar tal-benefiċċju tal-assistenza parlamentari fir-rigward tal-assistenti lokali (Direttorat Ġenerali għall-Finanzi (DĠ FINS));

— l-ewwel rapport dwar l-awditjar tas-sistemi tal-informazzjoni: il-ġestjoni tal-identitajiet u l-aċċessi;

— awditjar tal-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u tal-fondazzjonijiet politiċi Ewropej (DĠ FINS);

— rieżami preliminari tal-qafas ta' protezzjoni tad-data tal-Parlament;

— is-segwitu tal-azzjonijiet miftuħa mir-rapporti ta' awditjar intern - fażijiet 1 u 2 tal-2019.

13. Jilqa' u jappoġġja l-azzjonijiet li ġejjin li l-awditur intern qabel dwarhom jew li jinsab fil-proċess li jaqbel mad-direttorati ġenerali responsabbli, bħala riżultat tal-assenjazzjonijiet ta' aċċertament:

— fir-rigward tal-awditjar tal-akkwist u l-implimentazzjoni tal-kuntratti fis-settur tal-forniment tal-ikel (DĠ INLO), il-kisba tal-objettivi ta' kontroll intern, b'mod partikolari, billi jkunu permessi limiti ta' żmien itwal għall-akkwist li huma proporzjonati għall-kumplessità tal-ispeċifikazzjonijiet; l-iżgurar ta' speċifikazzjonijiet tal-offerta aktar ċari, aktar rilevanti u preċiżi; l-iżgurar ta' evalwazzjoni trasparenti għall-offerti li tkun ibbażata fuq il-kriterji ppubblikati u li tkun dokumentata kif xieraq; il-validazzjoni ta' kuntratti *ad hoc* dwar konċessjonijiet mas-servizz legali; l-importanza kritika tal-ġestjoni tal-emendi għall-kuntratti ta' konċessjoni f'konformità mar-regoli; monitoraġġ u rappurtar aħjar tal-ġestjoni (il-Parlament ifakkar li l-azzjonijiet imsemmijin hawn fuq huma essenzjali biex jiġi żgurat li l-proċeduri ta' akkwist pubbliku jattiraw aktar offerti u b'hekk jirriżultaw f'kompetizzjoni aħjar u servizzi mtejba matul perjodu speċifiku ta' żmien; jissottolinja l-importanza li jitqiesu l-kriterji għas-sostenibbiltà ambjentali u l-fatturi soċjali);

— fir-rigward tal-awditjar tal-gruppi ta' viżitaturi, iż-żieda fl-aċċertament tar-regolarità tal-pagamenti u l-effiċjenza tal-implimentazzjoni tar-regoli dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji, inklużi definizzjonijiet aħjar tal-ispejjeż eliġibbli u tal-perjodu ta' eliġibbiltà; it-titjib tal-adegwatezza u l-effettività tal-kontrolli *ex ante u ex post* fuq ir-rimborżi; l-iżgurar ta' konformità sħiħa mar-regoli applikabbli fir-rigward tal-ħlas tal-gruppi ta' viżitaturi; miżuri li jiżguraw it-twettiq sħiħ tal-programm tal-gruppi ta' viżitaturi;

— rigward l-ewwel rapport dwar l-awditjar tas-sistemi tal-informazzjoni: il-ġestjoni tal-identità u l-aċċess, li tnaqqas għal minimu assolut il-provvista ta' drittijiet ta' aċċess privileġġat għall-infrastrutturi ta' UNIX/LINUX tal-hekk imsejħa "superutenti"; it-tisħiħ tal-kontrolli ta' aċċess fil-livell ċentrali fuq l-applikazzjonijiet kritiċi inklużi fil-kampjun; l-istabbiliment ta' proċeduri ta' sigurtà f'kontijiet privileġġati sabiex jiġu definiti regoli tal-kontroll tal-aċċess;

— fir-rigward tal-awditjar tal-allowance għall-assistenza parlamentari (DĠ FINS), l-enfasi fuq il-konformità regolatorja u l-ġestjoni finanzjarja tajba tal-proċessi għall-ħlas tal-ispejjeż tal-assistenza parlamentari lokali, b'mod partikolari l-lok għal azzjoni fil-qasam tal-obbligi professjonali u kuntrattwali tal-aġenti tal-ħlas, u r-regolarizzazzjoni annwali tal-kontijiet tagħhom;

— fir-rigward tal-ewwel fażi tal-awditjar ta' finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u tal-fondazzjonijiet politiċi Ewropej (DĠ FINS), l-enfasi fuq il-proċess ta' reġistrazzjoni tal-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej u l-monitoraġġ tal-eliġibbiltà tagħhom, il-kooperazzjoni funzjonali bejn l-Awtorità u l-uffiċjal awtorizzanti tal-Parlament, u l-aspetti prattiċi tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni ewlenija;

— fir-rigward tar-rieżami preliminari tal-qafas tal-protezzjoni tad-data tal-Parlament, li se jiġi adottat skont il-programm ta' ħidma tal-awditjar intern tal-2020, l-enfasi fuq il-konformità tal-qafas tal-protezzjoni tad-data tal-Parlament mar-Regolament (UE) 2018/1725 ([2]), filwaqt li tiġi żgurata struttura ta' governanza sostenibbli li tipprovdi aċċertament dwar il-konformità mal-obbligi dwar il-ġestjoni tad-data personali, flimkien ma' miżuri biex din id-data tiġi protetta; rapportar affidabbli u konsistenti dwar il-ġestjoni tad-data personali tal-istituzzjoni;

([2]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

14. Jinnota li l-proċess ta' segwitu tal-2019 irriżulta fl-għeluq ta' 36 mit-93 azzjoni miftuħa; jinnota bi tħassib li minbarra dawn l-azzjonijiet validati, kien hemm total ta' 124 azzjoni miftuħa mir-rapporti tal-awditjar, inklużi dawk li għadhom mhux dovuti għall-implimentazzjoni, u li 62 minn dan in-numru totali ta' azzjonijiet jindirizzaw riskju sinifikanti; jistenna sforz mid-direttorati ġenerali differenti sabiex jiġi żgurat li l-azzjonijiet li suppost kellhom isiru jingħalqu u li l-azzjonijiet miftiehma jiġu implimentati skont id-dati dovuti stabbiliti; jistieden lis-Segretarju Ġenerali jirrapporta lura lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-għeluq tal-azzjonijiet pendenti matul is-seduti ta' smigħ tiegħu fil-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament f'Ottubru u f'Novembru 2021;

Segwitu għar-riżoluzzjoni ta' kwittanza għall-2018

15. Jieħu nota tar-risposti bil-miktub għar-riżoluzzjoni ta' kwittanza għall-2018 mogħtija lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament fil-21 ta' Settembru 2020, u tal-preżentazzjoni mis-Segretarju Ġenerali li fiha indirizza d-diversi mistoqsijiet u talbiet imqajma fir-riżoluzzjoni ta' kwittanza tal-Parlament għall-2018 u l-iskambju ta' fehmiet mal-Membri li segwew;

16. Jinnota b'dispjaċir li ma ttieħdux l-azzjonijiet meħtieġa kollha b'risposta għal uħud mir-rakkomandazzjonijiet tagħhom fir-riżoluzzjoni ta' kwittanza tal-Parlament għall-2018, u li d-dokument ta' segwitu dwar il-kwittanza ma jipprovdi l-ebda ġustifikazzjoni għal dan; jitlob lis-Segretarju Ġenerali jibgħat lill-Bureau t-talbiet kollha għal azzjoni inkluż fir-riżoluzzjonijiet annwali ta' kwittanza, jistabbilixxi pjan ta' azzjoni biex jindirizza u jsegwi r-rakkomandazzjonijiet, u jinkludi r-riżultati ta' dan l-eżerċizzju fir-rapporti annwali tal-attività; jenfasizza li s-Segretarju Ġenerali u l-Viċi President responsabbli għall-Baġit; jenfasizza li s-Segretarju Ġenerali għandu jkollu diskussjonijiet regolari mal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw il-baġit tal-Parlament u l-implimentazzjoni tiegħu; iqis li dawn għandhom isiru matul is-sena u mhux biss waqt il-proċedura ta' kwittanza; itenni t-talba tiegħu lill-Bureau biex itejjeb it-trasparenza tal-proċedura tat-teħid ta' deċiżjonijiet tiegħu, b'mod partikolari fir-rigward tal-pubblikazzjoni f'waqtha tad-dokumenti u l-informazzjoni rilevanti fis-sit web tiegħu;

17. Jirrikonoxxi l-passi meħuda biex tiġi faċilitata t-tranżizzjoni għall-fornitur il-ġdid tas-servizzi għall-Crèche tal-Parlament; jistieden lis-servizzi rilevanti jimmonitorjaw kontinwament il-prestazzjoni tat-tim il-ġdid, filwaqt li jiggarantixxu li l-livell tas-servizzi jibqa' sodisfaċenti, u fost l-oħrajn, jiżguraw li jkun hemm proporzjon suffiċjenti bejn l-għadd ta' tfal u l-għadd ta' persunal li jindokrawhom;

18. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li ma ttieħed l-ebda pass ulterjuri rigward il-fond ta' pensjoni volontarja minħabba l-kontestazzjoni minn għadd ta' membri tal-fond ta' pensjoni tad-deċiżjoni tal-Bureau tal-10 ta' Diċembru 2018 quddiem il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja (il-"Qorti tal-Ġustizzja"); jistieden lis-Segretarju Ġenerali jinforma immedjatament lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament dwar is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja;

19. Jilqa' l-fatt li l-użu ta' pagamenti fi flus naqas b'mod sinifikanti, u li l-Membri użaw il-possibbiltà offruta mir-regoli riveduti biex jassenjaw ir-responsabbiltà finanzjarja ta' żjarat sponsorjati lil professjonisti, jiġifieri aġenti tal-ħlas jew aġenziji tal-ivvjaġġar minflok assistenti parlamentari akkreditati ("APAs"); jinnota bi tħassib, madankollu, li s-Segretarju Ġenerali għadu ma ħariġx valutazzjoni tar-regoli l-ġodda, u jitlob it-tħejjija ta'din il-valutazzjoni; jenfasizza li l-awditur intern għandu jiġi kkonsultat dwar il-proċeduri eżistenti meta titħejja din il-valutazzjoni;

20. Jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' bilanċ bejn il-ġeneri fost il-maniġment tal-amministrazzjoni tal-Parlament; jirrikonoxxi l-iżviluppi pożittivi f'dan ir-rigward u jirrikonoxxi l-miri l-ġodda; jagħraf il-ħtieġa ta' monitoraġġ kontinwu tas-suġġett;

21. Ifakkar fir-riżoluzzjoni ta' kwittanza tal-2018 li titlob lill-Bureau jżid l-għadd ta' persuni b'diżabilità li jaħdmu fl-amministrazzjoni tal-Parlament;

22. Itenni t-talba tiegħu lis-Segretarju Ġenerali biex jinsisti fuq il-ħtieġa ta' bilanċ ġeografiku reali f'termini ta' rappreżentanza proporzjonali tal-Istati Membri kollha fil-livelli kollha tal-persunal, inkluż il-maniġment superjuri; jinnota d-diffikultajiet li ltaqa' magħhom il-Parlament fir-reklutaġġ ta' xi nazzjonalitajiet; jisħaq fuq l-importanza li l-Parlament isir aktar attraenti bħala impjegatur fost l-Istati Membri kollha;

23. Jilqa' n-nota tas-Segretarju Ġenerali dwar il-Ġestjoni tad-Diżabilità fl-amministrazzjoni tal-Parlament Ewropew, jenfasizza li l-għaxar impenji li saru fin-nota għad iridu jiġu segwiti matul il-perjodu leġiżlattiv attwali fl-oqsma tal-aċċessibilità diġitali u fiżika, jitlob li l-awtorità tal-kwittanza tinżamm infurmata dwar il-progress li jkun sar;

24. Ifakkar li l-Artikolu 11 tar-Regoli ta' Proċedura introduċa obbligu għar-rapporteurs, ix-shadow rapporteurs u l-presidenti tal-kumitati li jippubblikaw l-informazzjoni dwar il-laqgħat li jsiru ma' rappreżentanti ta' interess, fil-kuntest tar-rapporti tagħhom; jinnota b'sodisfazzjon li, mill-bidu tal-leġislatura l-ġdida, l-infrastruttura meħtieġa hija disponibbli fuq is-sit web tal-Parlament biex il-Membri jkunu jistgħu jippubblikaw il-laqgħat skedati mar-rappreżentanti interessati sabiex tittejjeb it-trasparenza; jinnota li 324 mis-705 Membru attwali kienu ppubblikaw mill-inqas laqgħa waħda ma' rappreżentant ta' interess sal-1 ta' Diċembru 2020 fuq is-sit web tal-Parlament; iħeġġeġ, madankollu, aktar titjib fl-aċċessibilità u l-utilizzabbiltà tal-għodda inkluż billi r-rapporteurs, ix-shadow rapporteurs u l-presidenti tal-kumitati jiġu mwissija dwar l-obbligu tal-pubblikazzjoni ta' tali informazzjoni sabiex tissodisfa l-funzjoni tagħha li tagħmel lill-Parlament aktar miftuħ, trasparenti u responsabbli lejn iċ-ċittadini;

25. Itenni li l-President tal-Parlament ta istruzzjonijiet lis-servizzi tal-Parlament biex jimplimentaw għadd ta' bidliet fl-għodda biex tittejjeb il-faċilità tal-użu tagħha, l-ewwel u qabel kollox billi jikkonnettjawha mar-Reġistru ta' Trasparenza u l-Osservatorju Leġiżlattiv; jistieden lill-Parlament jimplimenta dawn il-bidliet mingħajr aktar dewmien;

Kuntest ġenerali

26. Jinnota l-iskambju ta' opinjonijiet bejn il-Viċi President responsabbli mill-baġit, is-Segretarju Ġenerali u l-Membri tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament fil-preżenza tal-awditur intern u d-Direttur tal-Awtorità, fis-16 ta' Novembru 2020, fil-kuntest tal-kwittanza tal-Parlament għall-2019;

27. Jindika li l-elezzjonijiet Ewropej ta' Mejju 2019 wasslu għal 2019 maqsum fi tnejn għall-Parlament Ewropew, bl-ewwel nofs iffukat fuq l-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni u t-tieni nofs ffukat fuq il-bidu ta' leġislatura parlamentari ġdida;

28. Josserva li 61 % tal-Membri tad-disa' leġislatura tal-Parlament kienu ġodda, żieda sostanzjali fuq il-mandati ta' qabel u fuq l-ammont proġettat ta' 50 % li kien ġie stabbilit bħala bażi tal-baġit tal-Parlament għall-2019;

29. Ifakkar li l-posponiment tad-data għall-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni fi tliet okkażjonijiet matul l-2019 kellu impatt importanti fuq il-baġit tal-Parlament għall-2019; jindika li s-salarji u l-allowances tal-Membri Brittaniċi u l-assistenti tagħhom tħallsu għal perjodu itwal minn dak previst fil-bidu, li wassal għal numru u għal spiża globali tat-trasferimenti baġitarji meħtieġa fil-baġit tal-Parlament sostanzjalment ogħla; jilqa' l-flessibbiltà tal-ġestjoni tal-kuntratti ta' impjieg tal-APAs tal-Membri Brittaniċi mid-Direttorat Ġenerali għall-Persunal (DĠ PERS);

30. Jinnota b'sodisfazzjon il-konsolidazzjoni tal-front office għall-APA bħala punt uniku ta' kuntatt biex jiġi ġestit ir-reklutaġġ minn tarf sa tarf tal-APA, kif ukoll ir-rwol tad-DĠ PERS fl-iffaċilitar tal-induzzjoni u l-integrazzjoni ta' Membri u APAs ġodda wara l-elezzjoni u l-ġestjoni b'suċċess tal-bidla fil-leġislatura permezz tat-task force dedikata tad-DĠ PERS għall-elezzjonijiet fl-2019, li żgurat li għall-ewwel sessjoni parzjali tad-disa' Leġislatura, ġew konklużi 1 292 kuntratt ta' reklutaġġ tal-APAs (jiġifieri għal 93 % tal-Membri), b'2 017-il kuntratt konklużi sa tmiem is-sena;

31. Jiddispjaċih dwar id-diffikultajiet esperjenzati mill-Membri biex jirreklutaw malajr l-assistenti tagħhom fil-bidu tal-leġiżlatura minħabba ż-żieda fl-attività fid-DĠ PERS; jitlob li t-timijiet amministrattivi tal-Parlament responsabbli għar-reklutaġġ tal-APAs jissaħħu fil-bidu ta' kull mandat ġdid, għat-tul ta' żmien meħtieġ biex il-Membri jkunu jistgħu jirreklutaw l-assistenti tagħhom u biex jiġi pprovdut taħriġ komprensiv minn qabel u sakemm ikun għadda l-perjodu b'volum qawwi ta' xogħol;

32. Jirrafferma l-ħtieġa li jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Persunal dwar l-iskadenza tal-applikazzjoni għall-allowance ta' risistemazzjoni fuq l-istess livell għall-kategoriji kollha tal-persunal; jappella lil DĠ PERS jeżamina b'mod partikolari l-każijiet ta' ex APA fejn l-iskadenza statutorja ma ġietx applikata b'mod korrett fi tmiem il-leġiżlatura f'Lulju 2019;

33. Ifaħħar it-teħid tal-kontroll tal-kompiti l-ġodda għall-ġestjoni tar-riżorsi umani tal-apprendisti tal-Membri wara d-deċiżjoni tal-Bureau li jsaħħaħ il-qafas għar-reklutaġġ tagħhom fit-2 ta' Lulju 2019;

34. Jilqa' t-tlestija b'suċċess, fl-2019, ta' ambjenti tax-xogħol ġodda għall-Membri fi Brussell u Strasburgu; ifaħħar il-fatt li l-irranġar tal-uffiċċji kollha tal-Membri fi Brussell (uffiċċju personali wieħed għal kull membru + żewġ uffiċċji tal-persunal) u fi Strasburgu (uffiċċju personali wieħed + uffiċċju tal-persunal wieħed) sar fi żmien rekord u tlesta qabel iż-żmien, kif ukoll ġie jiswa inqas mill-ammont tal-baġit għax-xogħlijiet allokat għalih, u li tagħmir ta' għamara ġdida, inklużi soluzzjonijiet integrati tal-IT ġew installati bi spiża aktar baxxa minn kif previst oriġinarjament; jinnota li l-pjan rivedut ta' allokazzjoni tal-uffiċċji għall-Membri u l-gruppi politiċi kien ibbażat fuq l-aktar użu effiċjenti tal-ispazju disponibbli għall-uffiċċji; jiddispjaċih li dan il-prinċipju wassal biex xi gruppi politiċi għandhom il-Membri tagħhom imxerrda f'binjiet u f'sulari differenti mingħajr ebda konnessjoni loġika, b'mod li jkisser l-għaqda tal-gruppi politiċi; jiddispjaċih ukoll li d-distribuzzjoni tal-uffiċċji lill-gruppi politiċi ġieħlet lil xi whud jirrilokaw f'binjiet esterni li m'għadhomx konnessi mal-attivitajiet ewlenin tal-Parlament u b'hekk inħolqot separazzjoni strutturali tal-persunal mill-Membri; jieħu nota li l-bini Trèves 1 huwa fqir f'termini ta' servizzi, u għandha tingħata prijorità lis-sejba ta' soluzzjonijiet biex dan il-bini jiġi konness mal-binjiet ewlenin;

35. Jinnota li l-arranġamenti ta' telexogħol u ta' vidjowkonferenzi kif ukoll il-votazzjoni remota issa huma parti mill-arranġamenti ta' ħidma tal-Parlament għall-Membri; jistieden lill-Bureau jesplora modi u kostijiet biex ikompli jiffaċilita dawn l-arranġamenti għall-Membri li jixtiequ jagħmlu dan u jesplora l-użu tal-arranġamenti anke fil-futur, sabiex il-Membri jkunu jistgħu jorganizzaw laqgħat fil-kostitwenzi tagħhom kif ukoll mal-kollegi tagħhom fi Brussell f'dawk li jistgħu jsiru ġimgħat l-hekk imsejħa "ibridi"; madankollu, jinnota li l-preżenza fiżika fil-bini tal-Parlament ma tistax tiġi sostitwita kompletament mix-xogħol remot;

36. Jiddispjaċih għall-fatt li ma teżisti l-ebda sistema fis-seħħ biex tiżgura li l-Membri li jkunu temporanjament assenti għal raġuni ġustifikata, bħal-liv tal-maternità, liv tal-ġenituri jew liv minħabba mard fit-tul jew liv tal-indukraturi, ikunu jistgħu jkomplu jwettqu d-dmirijiet ewlenin tagħhom, l-ewwel u qabel kollox li jitkellmu f'dibattiti u jivvutaw; huwa tal-fehma li dan huwa kuntrarju għall-valuri fundamentali tal-Unjoni peress li jimplika li vot mogħti lil kandidat mara jista' jwassal għal perjodu temporanju ta' nonrappreżentanza; jistieden lill-Bureau jeżamina l-possibilitajiet għall-iffaċilitar tal-kontinwazzjoni tal-parteċipazzjoni remota u biex jipprevedi s-sostituzzjoni ta' Membru – kemm jekk mara kif ukoll jekk raġel – waqt il-liv tal-ġenituri u fil-każijiet imsemmija hawn fuq; jappella għall-emenda tal-Artikolu 6 tal-Att li jikkonċerna l-elezzjoni tar-rappreżentanti għall-Parlament Ewropew b'suffraġju universali dirett (l-Att Elettorali Ewropew) sabiex din is-sitwazzjoni dwar il-liv tal-ġenituri tiġi rimedjata; jistieden lill-Bureau jemenda r-regoli;

37. Jinnota li l-laissez-passer tal-Unjoni Ewropea għandu jingħata lill-membri, lill-uffiċjali u lill-aġenti oħra tal-Unjoni, abbażi tal-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1417/2013 ([3]); ifakkar li l-Artikolu 5(3) tar-Regoli ta' Proċedura jistabbilixxi d-dritt għall-Membri kollha li jitolbu laissez-passer tal-Unjoni " li jippermetti lill-Membru jiċċirkola bla xkiel fl-Istati Membri u f'pajjiżi oħra li jirrikonoxxu dan il-laissez-passer bħala dokument tal-ivjaġġar validu", peress li l-"laissez-passer għandu jkun rikonoxxut bħala dokument validu tal-ivvjaġġar mill-awtoritajiet tal-Istati Membri"; jiddispjaċih dwar rapporti minn xi Membri li l-laissez-passer mhuwiex rikonoxxut bis-sħiħ bħala dokument tal-ivvjaġġar f'xi Stati Membri; jitlob lill-Parlament biex jistaqsi dwar dawn is-sitwazzjonijiet u jikkoordina mal-awtoritajiet rilevanti biex jiżgura li l-Membri ma jkunux ristretti u limitati fil-moviment liberu tagħhom waqt li jmorru għall-laqgħat tal-Parlament jew jirritornaw lura minnhom;

38. Jirrikonoxxi li l-ftehim bejn il-Parlament, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni ġab miegħu benefiċċji finanzjarji u amministrattivi li jikkontribwixxu għall-ġestjoni finanzjarja tajba tal-istituzzjonijiet ikkonċernati; itenni, madankollu, li fl-opinjoni tal-Kumitati dan il-ftehim huwa żbilanċjat u ma ġiex irrispettat fl-intier tiegħu mill-Parlament; jemmen li estensjoni jew reviżjoni tal-ftehim attwali jeħtiġilha ssolvi l-kwistjonijiet pendenti kollha; jitlob lill-istituzzjonijiet ikkonċernati jirrapportaw flimkien għand il-Kumitat tal-Parlament għall-Kontroll tal-Baġit dwar dan il-ftehim u r-reviżjoni tiegħu li għaddejja;

Komunikazzjoni u elezzjonijiet

39. Jesprimi l-appoġġ tiegħu għall-mod kif il-Parlament żied il-viżibbiltà tal-elezzjonijiet Ewropej billi bena, anima u involva network wiesa' ta' midja, sħab u voluntiera li aġixxew bħala multiplikaturi ta' opinjoni fin-networks tagħhom stess; jinnota bi thassib, madankollu, li l-għadd ta' votanti fl-elezzjonijiet Ewropej tal-2019 baqa' baxx wisq f'ċerti pajjiżi; iqis li kampanja biex tiżgura l-viżibbiltà dwar l-elezzjonijiet Ewropej u dwar ir-rwol tal-Parlament fil-proċess leġiżlattiv għandha tkun permanenti, b'enfasi partikolari fuq dawk il-pajjiżi;

([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1417/2013 tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-forma tal-laissez-passer maħruġin mill-Unjoni Ewropea (ĠU L 353, 28.12.2013, p. 26).

40. Jilqa' l-fatt li aktar minn 50 % taċ-ċittadini tal-Unjoni eliġibbli għall-vot ħadu sehem fl-elezzjonijiet, u jinnota b'sodisfazzjon li għall-ewwel darba mill-ewwel elezzjonijiet diretti fl-1979 kien hemm żieda fil-parteċipazzjoni; jiddispjaċih, madankollu, li għall-kuntrarju ta' dak li ġara fl-elezzjonijiet tal-2014, is-sistema tax-Spitzenkandidaten għall-ħatra tal-President tal-Kummissjoni Ewropea ma ġietx segwita; josserva li s-sistema żżid it-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont tal-Kummissjoni lejn il-Parlament; jinnota li l-President tal-Kummissjoni Ewropea tirrikonoxxi l-ħtieġa għal titjib f'dan il-qasam fil-Linji Gwida Politiċi; jenfasizza li, kif iddikjarat fil-Linji Gwida Politiċi, huwa meħtieġ rieżami tal-mod kif il-mexxejja tal-istituzzjonijiet jinħatru u jiġu eletti;

41. Jenfasizza l-ħtieġa li l-proċess elettorali Ewropew isir aktar aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità;

42. Jinnota li l-elezzjonijiet Ewropej kellhom isiru wkoll fir-Renju Unit, u li l-Parlament estenda l-kampanja ta' komunikazzjoni tiegħu għar-Renju Unit;

43. Ifakkar li fl-2019, id-DĠ COMM kellu 813-il membru tal-persunal u amministra 5,3% tal-baġit globali tal-Parlament;

44. Iqis li l-komunikazzjoni tan-natura politika tal-Parlament u l-ħidma mwettqa mill-Membri tiegħu għaċ-ċittadini tal-Unjoni issa hija aktar importanti minn qatt qabel; jinkoraġġixxi l-isforzi kollha tal-Parlament u d-DĠ COMM tiegħu biex iqajmu kuxjenza dwar il-Parlament, is-setgħat tiegħu, id-deċiżjonijiet tiegħu, u l-attivitajiet fost il-midja, il-partijiet ikkonċernati u l-pubbliku ġenerali; jitlob lid-DĠ COMM ikompli bl-isforzi tiegħu biex jagħmel is-sit web tal-Parlament aktar aċċessibbli, intuwittiv, koerenti u faċli għall-utent, peress li huwa strumentali biex iressaq lill-istituzzjoni eqreb lejn iċ-ċittadini;

45. Jinnota li l-Bureau assenja lid-DĠ COMM il-kompitu li jżid l-għarfien fost iċ-ċittadini madwar l-Unjoni dwar l-elezzjonijiet li ġejjin, bl-għan li tiżdied il-parteċipazzjoni demokratika; jilqa' l-kontribut tal-kampanja elettorali u ta' informazzjoni tal-Parlament għall-2019 f'dik li hija l-akbar parteċipazzjoni ta' votanti li ġiet irreġistrata fl-aħħar 20 sena; jesprimi l-appoġġ tiegħu għall-istrateġija ta' komunikazzjoni istituzzjonali innovattiva tal-Parlament għall-elezzjonijiet Ewropej tal-2019, li kellha l-għan li żżid l-għarfien dwar l-elezzjonijiet u theġġeġ lin-nies biex jivvutaw; josserva li l-istrateġija kienet ibbażata fuq ir-rinforz u t-tisħiħ tar-relazzjonijiet mal-midja u l-iżvilupp ta' network robust ta' sħab; iqis li huwa ta' importanza kbira għall-Parlament li jikkomunika fuq bażi kontinwa maċ-ċittadini tal-Unjoni permezz ta' mezzi ta' komunikazzjoni differenti mhux biss matul is-sena elettorali iżda matul il-leġislatura kollha; jenfasizza l-importanza li jiġu stabbiliti sinerġiji mal-mezzi eżistenti u li tissaħħaħ il-kooperazzjoni mal-uffiċċji ta' kollegament tal-Parlament Ewropew biex tiġi evitata d-duplikazzjoni u biex flus il-kontribwenti jintużaw b'mod effettiv;

46. Jinsab imħasseb ħafna dwar is-sit web PE Today u l-użu qarrieqi tiegħu tal-isem tal-Parlament u s-simboloġija tal-Unjoni; jinnota b'allarm li EUvsDisinfo sabet li 99% tal-artikli li dehru fis-sit EP Today fil-fatt kienu sindikati minn siti web oħra bħal Voice of America jew Russia Today; jinsab allarmat li l-investigazzjoni ta' segwitu mid-DisinfoLab tal-UE skopriet operazzjoni ta' influwenza massiva ta' 15-il sena ħidma b'suċċess kontra l-Unjoni, b'aktar minn 750 midja lokali falza u aktar minn 10 NGOs kompletament foloz; huwa mħasseb li din l-operazzjoni kien irnexxielha tilħaq u tinvolvi lill-Membri qabel ma ġiet identifikata u investigata; jistieden lid-DĠ COMM tal-Parlament jikkoordina mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u mal-Kummissjoni biex jieħu azzjoni dwar din il-kwistjoni;

47. Jinnota li qabel u matul l-elezzjonijiet, il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha tal-Parlament inżammu aġġornati dwar id-diżinformazzjoni u t-theddid kontra l-Parlament minn entitajiet u atturi li qed jippruvaw ifixklu l-unità u d-demokrazija Ewropea; iħeġġeġ lill-Parlament jieħu azzjoni soda biex jiġġieled id-diżinformazzjoni permezz ta' informazzjoni u twissijiet regolari u li jiġu organizzati attivitajiet xierqa ta' taħriġ u ta' sensibilizzazzjoni għall-Membri, il-persunal u l-viżitaturi; jistieden lill-Parlament ikompli jsaħħaħ il-komunikazzjoni esterna tal-attivitajiet tiegħu;

48. Ifakkar, fil-kuntest tal-kampanja elettorali deċentralizzata, fir-rwol tal-Uffiċċji ta' Kollegament tal-Parlament Ewropew li taw spinta lill-involviment taċ-ċittadini u l-midja permezz ta' timijiet tal-istampa msaħħa u fi sħubija mal-partijiet ikkonċernati u l-multiplikaturi sabiex jintlaħqu udjenzi ġodda, speċjalment il-ġenerazzjoni żagħżugħa; jitlob li jitkompla r-rwol attiv tal-uffiċċji ta' kollegament fl-Istati Membri fil-leġiżlatura kollha;

49. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-investigazzjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (KEPD) dwar l-użu mill-Parlament ta' kumpanija ta' kampanji politiċi bbażata fl-Istati Uniti tal-Amerika biex tipproċessa data personali bħala parti mill-attivitajiet tagħha relatati mal-elezzjoni Ewropea tal-2019; jinnota li l-investigazzjoni dwar l-użu mill-Parlament tal-kumpanija NationBuilder irriżultat fl-ewwel twiddiba tal-KEPD mogħtija lil istituzzjoni tal-Unjoni minħabba ksur tal-Artikolu 29 tar-Regolament (UE) 2018/1725 u li tinvolvi l-għażla u l-approvazzjoni tas-sottoproċessuri użati minn NationBuilder; jinnota, barra minn hekk, li l-KEPD sussegwentement ta t-tieni twiddiba, wara li l-Parlament naqas milli jippubblika Politika ta' Privatezza konformi għas-sit web "diddarbasenivvota" fi żmien l-iskadenza stabbilita mill-KEPD; jinnota b'sodisfazzjon li fiż-żewġ każijiet, il-Parlament aġixxa f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-KEPD; itenni d-dikjarazzjonijiet tal-KEPD dwar it-theddida li tippreżenta l-manipulazzjoni online, u kif regoli sodi dwar il-protezzjoni tad-data huma essenzjali għad-demokrazija, speċjalment fl-era diġitali;

50. Jikkonstata l-partiti tan-nefqa differenti għall-2019, li huma mqassma kif ġej:

Partita tan-nefqa	Nefqa tal-2019
Spejjeż tal-persunal	EUR 24 293 036
Spejjeż ta' bini	EUR 11 051 311
Spejjeż ta' sigurtà	EUR 1 586 598
Spejjeż ta' komunikazzjoni	EUR 11 906 438
Total	EUR 49 137 382

51. Jinnota li, fil-laqgħa tiegħu tal-11 ta' Frar 2019, il-Bureau kkonferma t-tkomplija tal-uffiċċju tal-Parlament f'Londra; jinnota li fil-5 ta' Ottubru 2020, il-Bureau rrikonoxxa l-għeluq tal-uffiċċju antenna ta' Edinburgu fi tmiem l-2020; jirrikonoxxi li l-Uffiċċju ta' Kollegament tal-Parlament Ewropew fir-Renju Unit kif ukoll id-Delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea għar-Renju Unit se jkomplu jkollhom rwol kruċjali għall-Parlament fl-għoti ta' servizzi lill-Membri ta' delegazzjonijiet fir-Renju Unit u sabiex ikomplu jikkomunikaw maċ-ċittadini, is-soċjetà ċivili, il-gvern, l-ambjent parlamentari u l-midja f'dak il-pajjiż; jinnota, f'dan ir-rigward, li l-uffiċċju ta' kollegament fir-Renju Unit jikkoopera mad-Delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea f'konformità mal-kompetenzi rispettivi tal-Parlament u tas-Servizz għall-Azzjoni Esterna tal-Unjoni Ewropea; ifakkar li l-istatus u l-awtonomija tal-persunal tal-Parlament fir-Renju Unit għandhom jiġu ggarantiti skont il-mudell stabbilit tal-uffiċċju f'Washington, li qiegħed jopera b'suċċess;; jiddispjaċih għalhekk dwar ir-rifjut tal-gvern tar-Renju Unit li jirrikonoxxi l-istatus diplomatiku sħiħ tal-ambaxxatur tal-Unjoni Ewropea għar-Renju Unit; jistieden lill-Bureau u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna jsibu soluzzjoni prattika mal-awtoritajiet Brittaniċi biex jagħtu status diplomatiku lill-persunal tal-Parlament li jaħdem fl-uffiċċju ta' kollegament f'Londra;

52. Ifakkar fit-tħassib diġà espress is-sena l-oħra dwar id-deċiżjoni tal-bureau fil-11 ta' Frar 2019 dwar l-appoġġ parlamentari lill-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-ASEAN f'Jakarta, id-delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Unjoni Afrikana f'Addis Ababa u d-Delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea għan-Nazzjonijiet Uniti fi New York; jisħaq fuq il-fatt li kwalunkwe deċiżjoni ġdida trid tkun ibbażata fuq analiżi bir-reqqa tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji u jtenni li minħabba n-natura speċifika ta' dan l-appoġġ parlamentari, il-Kumitat tal-Parlament għall-Kontroll tal-Baġit għandu jingħata informazzjoni dettaljata rilevanti; jiddispjaċih li għadhom ma nħolqux indikaturi li jistgħu jitkejlu għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni annwali, fl-ambitu tal-qafas taċ-ċiklu tal-ippjanar strateġiku, il-monitoraġġ u r-rapportar tal-Parlament; jitlob lis-Segretarju Ġenerali jwettaq din il-valutazzjoni b'mod urġenti u jippreżentaha kemm lill-Kumitat tal-Parlament għall-Baġits kif ukoll lill-Kumitat tal-Parlament għall-Kontroll tal-Baġit hekk kif din tkun disponibbli;

53. Jenfasizza l-ħtieġa li terġa' tinħoloq il-kultura tad-dibattitu fil-Parlament; jilqa' d-deċiżjoni li l-membri jintalbu jagħtu d-diskorsi mil-lettur li jiffaċċa l-plenarja; jemmen li l-kultura tad-dibattitu tista' tittejjeb ukoll billi jitħalla biżżejjed ħin għall-iskambju ta' argumenti u kontroargumenti, pereżempju billi tiġi estiża l-proċedura tal-karta blu;

Gruppi ta' viżitaturi sponsorjati

54. Jilqa' l-fatt li l-Parlament jinvesti sforzi konsiderevoli fl-espansjoni u t-titjib tas-servizzi li joffri lill-viżitaturi; ifaħħar iċ-ċifra impressjonanti ta' aktar minn 1,5 miljun viżitatur li waslu fl-2019 fil-bini kollu tal-Parlament, b'żieda ta' 26 % taż-żgħażagħ meta mqabbel mal-2018;

55. Jinnota b'sodisfazzjon li, wara d-dħul fis-seħħ, f'Jannar 2017, tar-regoli l-ġodda mill-Bureau li jirregolaw l-akkoljenza ta' gruppi ta' viżitaturi, matul l-2019 sar awditjar dwar gruppi ta' viżitaturi, u li f'Diċembru 2019, ġew proposti pjanijiet ta' azzjoni lid-DĠ COMM biex jissaħħaħ il-qafas ta' ġestjoni u kontroll u l-qafas regolatorju applikabbli għar-rimborżi lill-gruppi ta' viżitaturi; jenfasizza, madankollu, li l-objettiv tal-gruppi ta' viżitaturi ma għandux jiġi injorat, jiġifieri li ċ-ċittadini jitressqu eqreb tal-Parlament, tad-dmirijiet u l-interazzjoni tiegħu mal-istituzzjonijiet l-oħra tal-Unjoni, u tal-funzjonament tal-Unjoni u tal-ambjent tiegħu, li jinkludi l-bliet ospitanti;

56. Jinnota li r-regoli riveduti li jirregolaw il-ħlas ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji għal gruppi ta' viżitaturi sponsorjati daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2017; ifakkar li, f'konformità mal-prinċipju ta' nuqqas ta' profitt stabbilit f'dawn ir-regoli, il-kapijiet tal-gruppi għandhom l-obbligu li jirritornaw kwalunkwe kontribuzzjoni finanzjarja mhux użata wara verifika ta' dikjarazzjoni finanzjarja mis-servizzi tal-Parlament; ifittex aċċertament akbar li l-ġestjoni tal-gruppi ta' viżitaturi sponsorjati tkun strettament f'konformità mar-regoli applikabbli, inkluż il-proċess ta' rimborż tal-ispejjeż relatati mal-viżitaturi b'diżabilità; itenni t-talba tiegħu biex titneħħa l-possibilità li jinħatru APA bħala kap ta' grupp biex jieħdu r-responsabbiltà finanzjarja ta' gruppi ta' viżitaturi sponsorjati esklużivament lil membru tal-grupp jew lil professjonisti, jiġifieri aġenti tal-ħlas jew aġenziji tal-ivvjaġġar;

57. Ifakkar li fl-2019 l-awditur intern tal-Parlament beda awditjar tal-implimentazzjoni tar-regoli l-ġodda, u li fis-sejbiet tiegħu, finalizzati fl-2020, l-awditur intern enfasizza li l-kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-gruppi ta' viżitaturi għandhom jiġu allinjati aktar mal-ispejjeż reali mġarrba mill-gruppi, li l-kontrolli ex ante għandhom jissaħħu meta titħallas l-ewwel kontribuzzjoni, u li s-sistema eżistenti ta' kontrolli *ex post* għandha tissaħħaħ; itenni li s-sejbiet tal-awditur intern għandhom jitqiesu fl-evalwazzjoni tal-proċeduri eżistenti u fl-iżvilupp ta' kontrolli *ex ante* aktar stretti sabiex jiġu evitati possibbiltajiet ta' akkumulazzjoni ta' flus lil hinn mill-kontrolli; jitlob li jiġi vvalutat aktar il-livell attwali tal-kontrolli *ex post*;

58. Jirrimarka li r-riċeviment ta' gruppi ta' viżitaturi sponsorjati ta' persuni b'diżabilità jista' jsir bi spejjeż addizzjonali u jirrikjedi kontribuzzjonijiet finanzjarji akbar, għalhekk jirrakkomanda lill-Bureau li jistudja l-possibbiltà ta' allokazzjonijiet akbar biex ikopru n-nefqa eliġibbli kollha ta' tali gruppi;

59. Jappoġġja l-attivitajiet tal-Parlamentarium fi Brussell li fl-2019 laqa' 307 105 viżitatur, żieda sostanzjali fin-numru mill-2018, u tad-Dar l-Istorja Ewropea, li laqgħet 199 256 viżitatur fl-2019 b'żieda ta' 21 % mill-2018; ifaħħar is-suċċess taċ-ċentri Europa Experience f'Berlin, f'Ljubljana, fi Strasburgu, f'Helsinki, f'Copenhagen u f'Tallinn; jinnota li s-servizzi tal-Parlament iddefinew programm ta' ħidma konġunt, li għandu l-għan li jlesti l-implimentazzjoni tal-Europa Experience fl-Istati Membri kollha sal-2024;

Bini

60. Ifakkar li fl-2019, id-DĠ INLO kellu 609 membri tal-persunal u amministra 12,6 % tal-baġit globali tal-Parlament;

61. Huwa konxju li fil-11 ta' Marzu 2019, il-Bureau approva approċċ ġdid għall-proposti futuri tas-suq immobiljari għall-uffiċċji ta' kollegament tal-Parlament Ewropew u għall-ispazji ta' Europa Experience f'diversi Stati Membri;

62. Huwa konxju mill-importanza tal-politika immobiljari, b'mod partikolari t-tlestija tax-xogħlijiet finali ta' installazzjoni fil-bini Montoyer 63 fi Brussell, li beda jintuża fl-2019, u l-proġett Adenauer fil-Lussemburgu, li huwa ppjanat li jitlesta sal-aħħar ta' Ġunju 2023; jifhem li, fl-2019, il-Kumitat għall-Baġits tal-Parlament awtorizza t-trasferiment ta' tlaqqit, b'ammont ta' EUR 29 miljun, għall-prefinanzjament tal-proġett, li jeskludi l-ispejjeż tal-ġestjoni tal-proġett, l-ispejjeż finanzjarji, il-korpi ċertifikati, eċċ; jiddispjaċih dwar iż-żieda fl-ispejjeż minħabba d-dewmien fil-kostruzzjoni u jinnota li kienu meħtieġa tranżazzjonijiet mal-kumpaniji tal-kostruzzjoni (b'rabta mad-dewmien fil-proġett) biex jiġu evitati dewmien u spejjeż ulterjuri (bejn 5 % u 15 % tal-ammont tal-kuntratt);

63. Jinnota li strateġija ġdida għall-bini 'Wara l-2019', adottata mill-Bureau f'April 2018, iffukat fuq il-ħtiġijiet li għad ma ġewx indirizzati biżżejjed, inkluż l-adattament tal-faċilitajiet għall-evoluzzjoni tat-tendenzi fil-laqgħat (il-ħolqien ta' kmamar tal-laqgħat adattati speċifikament għat-trilogi leġiżlattivi), involviment lokali u eqreb taċ-ċittadini permezz tal-integrazzjoni tal-'Europa Experience' fl-uffiċċji ta' kollegament tal-Parlament Ewropew, it-tkomplija tat-titjib tas-sigurtà għall-bini tal-Parlament u r-rinnovazzjoni tiegħu, it-tnaqqis tad-distakk fl-interkonnessjoni tal-bini ċentrali tal-Parlament billi jiġi promoss ix-xiri ta' bini aktar mill-kiri;

64. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-azzjonijiet li suppost saru u miftiehma mal-awditur intern fl-2018 li jindirizzaw riskji residwi sinifikanti fir-rigward tal-manutenzjoni, l-irranġar u l-operat tal-bini; jistieden lill-Bureau jadotta politika komprensiva dwar il-manutenzjoni u jirrapporta lura lill-awtorità ta' kwittanza; jilqa' t-tneħħija gradwali tal-kuntratti dwar il-funzjonijiet ta' ġestjoni esternalizzati u l-flus li dan jiffranka;

65. Jinnota li l-akbar proġett ta' bini tal-Parlament - it-tkabbir tal-bini Konrad Adenauer fil-Lussemburgu - jinsab fil-punt tat-tlestija tal-ewwel fażi tiegħu, il-Binja tal-Lvant; jissottolinja li t-Torri ilu okkupat mill-persunal tal-Parlament mill-ħarifa 2019, u li l-bqija tal-Binja tal-Lvant mistennija tiġi okkupata gradwalment minn Novembru 2020; jinnota li l-kostruzzjoni tal-Binja tal-Punent tal-istabbiliment għandha tibda fl-aħħar tal-2020 u hija ppjanata li titlesta sal-2023;

66. Jieħu nota tal-infrastruttura sinifikanti tal-Parlament, li tista' tinqasam kif ġej:

Il-bini fi Brussell	Il-bini fil-Lussemburgu	Il-bini fi Strasburgu
11-il binja bi sjieda	2 binjiet bi sjieda	5 binjiet bi sjieda
4 binjiet mikrija	3 binjiet mikrija	
659 092 m^2	343 879 m^2	344 283 m^2

Antenna u Uffiċċji ta' Kollegament tal-PE	
Total	37
Binja ta' sjieda	12
Binja mikrija	25
Superfiċje	28 383 m^2

67. Ifakkar li fl-2020, il-Parlament nieda kompetizzjoni internazzjonali fl-arkitettura b'żewġ għażliet, rinnovazzjoni ambjentali komprensiva jew rikostruzzjoni tal-bini Spaak; jenfasizza li r-rinnovazzjoni/ir-rikostruzzjoni għandhom iqisu l-kosteffettività u l-effiċjenza enerġetika bħala kriterji ewlenin; jistenna malajr kemm jista' jkun evalwazzjoni dettaljata u pubblika tal-ispiża u l-effiċjenza enerġetika tal-proposta li għandha titwettaq fid-dawl tal-fatt li s-sommarju ta' qabel il-proġett, li għandu jiġi żviluppat mill-perit rebbieħ matul l-2021, għandha tiġi ppreżentata lill-Kumitat għall-Baġits u l-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament; jitlob li r-rinnovazzjoni/ir-rikostruzzjoni tqis il-ħtiġijiet attwali tal-Parlament kif deskritti fl-istrateġija aġġornata għall-bini 'Wara l-2019'; jenfasizza li r-rinnovazzjoni/ir-rikostruzzjoni għandha tqis ukoll il-ħtiġijiet attwali tal-Membri u tal-persunal relatati mar-restrizzjonijiet reċenti kif ukoll l-aġġustament ġdid meħtieġ għas-saħħa u s-sigurtà;

68. Jinnota d-deċiżjoni tal-Bureau tal-25 ta' Novembru 2019 li jinbnew faċilitajiet tal-Europa Experience għall-viżitaturi fl-Istati Membri kollha sa tmiem il-leġiżlatura attwali (2024) u l-implimentazzjoni attwali ta' din id-deċiżjoni; jistieden lis-Segretarju Ġenerali jinforma regolarment lill-Kumitat għall-Baġits u lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament dwar l-istat ta' implimentazzjoni;

69. Jilqa' l-idea li l-Parlament ikun impenjat li jwettaq l-adattament u r-rinnovazzjoni meħtieġa tal-bini tiegħu sabiex jinħoloq ambjent aċċessibbli għall-utenti kollha f'konformità mal-istandards tal-Unjoni u l-oqfsa legali nazzjonali; jisħaq li x-xogħlijiet biex titjieb l-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabilità u dawk b'mobilità mnaqqsa diġà bdew fi Strasburgu u li l-proġetti se jkomplu kemm fi Brussell kif ukoll fi Strasburgu, iżda wkoll f'sitt uffiċċji ta' kollegament tal-Parlament Ewropew; jinsisti li dawn ir-rinnovazzjonijiet jitkomplew fil-bini l-ieħor kollu tal-Parlament billi jimpenja ruħu għar-rekwiżiti funzjonali dwar l-aċċessibbiltà għall-ambjent mibni stipulati fl-Anness III tad-Direttiva (UE) 2019/882 ([4]), u billi jirreferi għal standards internazzjonali u Ewropej rilevanti biex jissodisfa dawk ir-rekwiżiti fil-proċeduri tal-akkwist, biex b'hekk il-Membri, il-persunal u l-viżitaturi b'diżabilità u dawk b'mobilità mnaqqsa jkun jista' jkollhom aċċess għall-bini u jagħmlu użu mill-faċilitajiet tagħhom fuq bażi ugwali bħal oħrajn f'konformità mal-obbligi stabbiliti mill-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità; jissottolinja li l-fondi għandhom ikunu disponibbli biex ikopru dawn il-miżuri/spejjeż b'mod effiċjenti;

70. Jesprimi tħassib li mill-2017, ġie introdott u għadu fis-seħħ għeluq taċ-ċirkwit ta' ilma sħun fl-uffiċċji tal-Membri kemm fi Brussell kif ukoll fi Strasburgu; jinnota li d-deċiżjoni li titwaqqaf id-distribuzzjoni ta' ilma sħun fl-uffiċċji tal-Membri fi Brussell u Strasburgu ttieħdet mill-Kwesturi fl-24 ta' Ottubru 2017 b'rabta mar-riskju għas-saħħa li toħloq il-preżenza ta' batterji tal-legionella li jagħmlu l-ħsara lis-sistemi idrawliċi tal-bini li qed jeqdiemu u jiddeterjoraw; josserva li l-isfida ewlenija biex terġa' tiġi introdotta l-produzzjoni ta' ilma sħun fil-bini tal-Parlament hija l-fatt li tindif bir-reqqa tal-pajpijiet il-qodma kollha li jinkludu diversi pajpijiet li ma jwasslu mkien, tkun tirrikjedi d-dekummissjonar sħiħ tagħhom u li proġett ta' skala konsiderevoli bħal dan jirrikjedi studju tal-fattibbiltà fil-fond li jqis l-impatt taċ-ċaqliq, ir-rilokazzjonijiet, it-trab u l-istorbju fuq il-ħidma leġiżlattiva tal-Membri; iħeġġeġ lid-DĠ INLO jkompli jimplimenta miżuri ta' kumpens;

71. Jinnota li l-ewwel sejħa għall-offerti tnediet fl-2019 sabiex jiġu konklużi kuntratti għal faċilitajiet bankarji ġodda u ntemmet b'bank wieħed biss li għażel li jissottometti offerta għall-istess spazju li l-bank kien jokkupa qabel; jinnota li t-tieni sejħa għall-offerti ġiet organizzata fl-2020 bl-għan li jiġu okkupati ż-żewġ żoni l-oħra tal-ħami, u ma waslet l-ebda offerta; jiddispjaċih li l-aġenzija ING baqgħet miftuħa biss għall-ewwel xahrejn tal-leġiżlatura attwali, iż-żmien biex jinfetħu l-kontijiet għal ħafna mill-Membri eletti l-ġodda u l-APAs ikkuntrattati, u mbagħad għalqet; jinnota li s-supermarket iddeċieda wkoll li ma jestendix il-konċessjoni tiegħu, iżda jilqa' l-fatt li fil-futur se jkun hemm konċessjoni ta' suq tal-ikel fis-sular ta' isfel tal-bini Spinelli; jitlob lill-amministrazzjoni tagħmel rieżami u ttejjeb il-kundizzjonijiet tal-isfruttar tal-konċessjonijiet kummerċjali b'mod li tagħmilhom aktar attraenti, sabiex tattira fornituri ta' servizzi ta' kwalità;

72. Jesprimi tħassib dwar il-bini Trèves 1 minħabba n-nuqqas ta' servizzi tiegħu; jistieden lill-Parlament jesplora bħala soluzzjoni prijoritarja l-iżgurar li dan il-bini jkollu konnessjoni effettiva mal-binjiet ewlenin tal-Parlament, fejn issir il-biċċa l-kbira tal-attività parlamentari;

73. Jenfasizza rapporti reċenti fil-midja li l-kameras termali użati fil-bini tal-Parlament għall-kejl tat-temperatura tal-persuni kollha li jidħlu fil-Parlament huma magħmula mill-kumpanija Hikvision, li timporta miċ-Ċina u tipproduċi kameras għall-provinċja Ċiniża ta' Xinjiang ([5]); ifakkar li Hikvision ġiet akkużata li pprovdiet tagħmir ta' sorveljanza għall-kampijiet ta' internament f'din il-provinċja ([6]); jinnota li hemm riskju inaċċettabbli li Hikvision, permezz tal-operazzjonijiet tagħha f'Xinjiang, qed tikkontribwixxi għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem; ifakkar li l-Premju Sakharov għal-Libertà tal-Ħsieb 2019 tal-Parlament Ewropew intrebaħ minn Ilham Tohti għall-isforzi tiegħu biex jipproteġi d-drittijiet tal-popolazzjoni Ujgura fiċ-Ċina; iqis għalhekk li l-użu ta' kameras termali ta' dan il-fornitur fil-bini tal-Parlament mhuwiex aċċettabbli; jistieden lis-Segretarju Ġenerali jtemm il-kuntratt ma' Hikvision u jneħħi l-kameras termali kollha ta' Hikvision mill-bini tal-Parlament; jenfasizza l-ħtieġa li fil-futur l-amministrazzjoni tkun aktar prudenti fl-għażla tal-fornituri tat-tagħmir;

Sigurtà u Difiża

74. Ifakkar li fl-2019, id-Direttorat Ġenerali għas-Sigurtà u l-Protezzjoni (DĠ SAFE) kellu 770 membru tal-persunal u amministra 1,5 % tal-baġit globali tal-Parlament;

([4]) Id-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibilità għall-prodotti u għas-servizzi (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 70).

([5]) https://www.dw.com/en/exclusive-eu-taps-chinese-technology-linked-to-muslim-internment-camps-in-xinjiang/a-55362125

([6]) https://www.npr.org/2019/10/08/768150426/u-s-blacklists-chinese-tech-firms-over-treatment-of-uighurs?t=1611915285989

75. Jilqa' l-fatt li mill-2015 ma seħħ l-ebda inċident kbir marbut mas-sigurtà fil-bini tal-Parlament; jinsab imħasseb, madankollu, dwar in-numru totali ta' Membri, segretarjati ta' gruppi politiċi u APAs rappurtati bħala vittmi ta' serq fil-bini tal-Parlament; jinnota li l-valur globali stmat tal-elementi, li jammonta għal madwar EUR 60 000 fis-sena, kien stabbli għall-aħħar tliet snin; jistenna tisħiħ kontinwu fil-livell ta' sigurtà;

76. Jieħu nota tal-azzjonijiet immedjati, approvati mill-Bureau fil-laqgħa tiegħu tat-22 ta' Lulju 2020, li inkludew kampanja ta' sensibilizzazzjoni, protezzjoni ta' tagħmir tal-IT ta' valur, notifika minn qabel ta' xogħlijiet ta' manutenzjoni, u għoti ta' master keys separati għal kull sular u limitazzjoni stretta tad-distribuzzjoni tagħhom; jesprimi, madankollu, li ma jaqbilx mal-messaġġi speċifiċi u t-ton ġenerali tal-kampanja ta' sensibilizzazzjoni kontra s-serq fil-binjiet tal-Parlament billi jinħassu li qegħdin jagħtu tort lill-Membri u lill-persunal minflok ma jagħtu rakkomandazzjonijiet prattiċi ta' sigurtà; jistenna li l-Parlament jikkunsidra miżuri fit-tul biex jipprevjeni serq, inklużi, fost dawk proposti, l-introduzzjoni ta' livelli differenti ta' drittijiet ta' aċċess fil-bini tal-Parlament, żieda fil-kopertura tas-CCTV, u azzjonijiet ulterjuri relatati mal-politika tal-ġestjoni taċ-ċwievet, inkluża l-possibbiltà li jiġu installati serraturi elettroniċi tal-bibien filwaqt li titqies il-proporzjonalità meħtieġa bejn l-investimenti meħtieġa u l-valur attwali tal-oġġetti misruqa, kif ukoll il-harsien tal-privatezza;

77. Iħeġġeġ l-implimentazzjoni ta' strateġija interna ta' ħruġ għall-persuni b'mobbiltà mnaqqsa jew b'diżabilità f'każ ta' emerġenza;

78. Jilqa' l-miżuri meħuda biex titjieb is-sigurtà tal-bini tal-Parlament, b'mod partikolari l-iskrinjar tas-sigurtà ta' persunal ta' fornituri esterni tas-servizzi, u l-internalizzazzjoni tas-servizzi ġenerali tas-sigurtà fil-Lussemburgu, approvati mill-Bureau fl-2012, iżda li kienu affettwati mix-xogħol ta' kostruzzjoni tal-bini l-ġdid Adenauer II; jissottolinja li l-inċidenti ta' dimostranti vjolenti li jidħlu f'istituzzjonijiet pubbliċi fl-Istati Membri u jheddu l-persunal u l-Membri huma kwistjoni ta' tħassib, u għalhekk iħeġġeġ lid-DĠ SAFE jivvaluta l-miżuri ta' sikurezza attwali u jagħmel rakkomandazzjonijiet għal aktar titjib;

79. Jappoġġja l-kooperazzjoni interistituzzjonali fis-sigurtà inkluż l-iffirmar ta' Memorandum ta' Qbil relatat mal-iskrinjar ta' persunal ta' fornituri esterni tas-servizzi li jaħdmu fl-istituzzjonijiet tal-Unjoni fil-Belġju, it-twaqqif ta' grupp ta' ħidma interistituzzjonali inkarigat mill-armonizzazzjoni tal-miżuri ta' sigurtà applikati fl-uffiċċji ta' kollegament tal-Parlament u r-rappreżentanzi tal-Kummissjoni fl-Istati Membri, l-analiżi konġunta li għaddejja mis-servizzi tas-sigurtà tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni biex jiġu identifikati u ddefiniti l-aktar oqsma xierqa għal kooperazzjoni msaħħa kif ukoll il-firxa ta' din il-kooperazzjoni possibbli, inkluża l-possibbiltà li jiġu kondiviżi xi servizzi, u l-progress lejn l-istabbiliment ta' badge ta' aċċess interistituzzjonali;

80. Jinnota b'sodisfazzjon il-varar ta' proċeduri tas-suq għall-introduzzjoni ta' sistema awtomatika ta' rikonoxximent tal-vetturi fil-punti ta' dħul u ħruġ kollha tal-parkeġġi u t-trasferiment lejn il-bini Adenauer II;

81. Ifakkar, madankollu li t-trasparenza fil-konfront tal-pubbliku hija karatteristika importanti tal-Parlament u għandu jinżamm bilanċ adegwat mal-livell ta' sigurtà meħtieġ;

Iċ-ċibersigurtà u s-sigurtà tal-ICT

82. Ifakkar li, fl-2019, id-Direttorat Ġenerali għal-Loġistika u l-Interpretazzjoni għall-Konferenzi (DĠ ITEC) kellu 480 membru tal-persunal u amministra 6 % tal-baġit globali tal-Parlament;

83. Ifakkar fl-assenjament ta' konsultazzjoni mwettaq mis-servizz tal-awditjar intern dwar l-inċident serju tal-IT li seħħ fl-2017 u l-impatt li rriżulta fuq il-kontinwità tal-operat li kien fih tliet rakkomandazzjonijiet dwar il-protezzjoni ulterjuri tal-infrastruttura tal-ICT tal-Parlament li jikkomplementaw il-lista ta' sistemi ta' informazzjoni kritiċi u ewlenin b'immappjar aktar ċar tal-missjoni-assi u bid-dokumentazzjoni tal-assi tad-dipendenzi, u l-indirizzar tal-bżonn ta' ċertifikazzjoni ta' livell ogħla tal-bini mikri li jospita l-kamra tal-kompjuters tal-Parlament fi Brussell;

84. Jifhem l-importanza ta' drittijiet ta' aċċess privileġġati f'xogħol ta' manutenzjoni u żvilupp; jistieden lid-DĠ ITEC jistabbilixxi regoli ċari dwar il-kontroll ta' aċċess fir-rigward ta' dawn il-kontijiet privileġġati u jagħmel rieżami tal-forniment ta' drittijiet 'superutent';

85. Japprova t-tnedija ta' proġett ta' ċentru tad-data ġdid biex iċ-ċentru tad-data ta' Huizingen ta' livell II, li għamel żmienu, jiġi sostitwit b'livell IV biex tittejjeb is-sigurtà, ir-reżiljenza u l-kontinwità tal-ICT;

86. Jappoġġja l-isforzi tal-Parlament biex jimmitiga r-riskji taċ-ċibersigurtà fl-2019, inklużi d-definizzjoni u l-pubblikazzjoni ta' qafas taċ-ċibersigurtà tal-Parlament, valutazzjoni sistematika tar-riskju ċibernetiku għal applikazzjonijiet sensittivi ġodda u eżerċizzju annwali ta' test ta' penetrazzjoni mill-Internet; jitlob li r-riskji jiġu identifikati u minimizzati aktar u li tiġi implimentata ġestjoni bbażata fuq ir-riskju; jistieden lid-DĠ ITEC itejjeb il-kapaċitajiet ta' rkupru u jimplimenta pjan ta' rispons għal inċidenti marbuta maċ-ċibersigurtà;

87. Jissottolinja l-obbligu al-Parlament li jiġġestixxi direttament jew tal-anqas ikollu kontroll dirett fuq il-ġestjoni tal-infrastrutturi kritiċi tiegħu u d-data sensittiva u kunfidenzjali; jagħti istruzzjonijiet lill-amministrazzjoni tiegħu biex timplimenta dan l-obbligu;

88. Ifakkar fil-valur miżjud ta' software b'xejn u b'sors miftuħ fit-titjib tas-sigurtà peress li dan jippermetti lill-Parlament jidentifika u jikkoreġi d-dgħufijiet, iżomm kontroll fuq id-data billi jospita fis-servers tiegħu u jfassal soluzzjonijiet skont l-ispeċifikazzjonijiet tiegħu stess, filwaqt li jkun jista' jevita effetti ta' intrappolament tal-klijentela;

89. Ifakkar fil-preferenza tiegħu għal soluzzjonijiet ta' software b'xejn u b'sors miftuħ minflok dawk proprjetarji meta jiġu kkunsidrati applikazzjonijiet interni ġodda; jitlob li l-korpi governattivi tal-ICT jiġu informati dwar is-sitwazzjonijiet fejn ma jintgħażlux soluzzjonijiet b'sors miftuħ;

90. Jirrikonoxxi r-riskji inerenti għas-sigurtà tal-informazzjoni u għall-privatezza meta l-Membri u l-persunal jużaw soluzzjonijiet dipendenti fuq partijiet terzi għall-kondiviżjoni ta' data sensittiva, minħajr ma l-Parlament ikun jista' jikkontrolla kif tiġi ttrattata d-data; f'konformità mal-orjentazzjonijiet strateġiċi taċ-ċibersigurtà approvati mill-Bureau u biex tiġi rimedjata dik is-sitwazzjoni, jitlob lil-Parlament iqis li fis-servers tiegħu jiġu ospitati soluzzjonijiet siguri u bbażati fuq sors miftuħ għal-laqgħat virtwali u l-messaġġi istantanji, kif inhu l-każ f'istituzzjonijiet ewlenin f'uħud mill-Istati Membri, bħall-amministrazzjoni ċentrali Franċiża u l-Bundeswehr Ġermaniż;

91. Ifaħħar l-isforzi tad-DĠ ITEC biex jiġbor parti mill-għarfien espert u r-riżorsi tiegħu dwar iċ-ċibersigurtà permezz ta' Skwadra ta' Rispons f'Emerġenza relatata mal-Kompjuters għall-Istituzzjonijiet tal-Unjoni (CERT-EU);

It-teknoloġija, id-diġitalizzazzjoni u l-innovazzjoni

92. Jilqa' t-tlestija b'suċċess fl-2019 tas-sistema ta' ġestjoni finanzjarja tal-Parlament, li bdiet topera għas-sena finanzjarja 2020; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar hardware antikwat u jitlob li l-modernizzazzjoni tal-IT titkompla bit-tiġdid ta' hardware antikwat u żviluppi ulterjuri ta' proġetti strateġiċi fl-oqsma tal-Parlament elettroniku, l-ambjent mobbli għall-Membri u l-persunal;

93. Jindika li l-aġġornamenti fil-pagi tal-persunal tal-Parlament mhumiex awtomatizzati u għandhom jiddaħħlu manwalment fis-sistemi tar-riżorsi umani tal-IT; jesprimi tħassib dwar ir-riskji ta' pagamenti mhux dovuti bbażati fuq informazzjoni inkorretta li tirriżulta min-nonawtomatizzazzjoni tal-ħlas; iħeġġeġ lis-servizzi tal-Parlament jiżviluppaw sistema tal-IT sostenibbli għall-gradi ta' ħlas tal-persunal f'kooperazzjoni ma' istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni;

94. Japprova l-isforzi sinifikanti għall-investiment kontinwu fid-diġitalizzazzjoni tal-proċessi finanzjarji, inkluż it-tnedija u l-użu bla xkiel u b'suċċess tas-sistema l-ġdida ta' ġestjoni finanzjarja u ta' kontabilità (SAP) minn Novembru 2019 għat-tranżazzjonijiet kollha relatati mal-eżekuzzjoni tal-baġit, l-adozzjoni tal-istrateġija "Hubs Blue-Chip għal servizzi amministrattivi", bil-ħsieb li jittejjeb is-servizz tal-klijenti, l-effiċjenza amministrattiva, u d-deċiżjoni tal-Bureau tas-17 ta' Ġunju 2019 li titnieda l-awtomazzjoni tar-reġistru ċentrali tal-attendenza, kif ukoll l-estensjoni tal-funzjonijiet tal-Portal elettroniku, bħala l-punt uniku diġitali ta' dħul għall-Membri biex jimmaniġġjaw id-drittijiet finanzjarji u soċjali tagħhom;

95. Jitlob li jsir titjib fis-sistema attwali ta' traċċar u rintraċċar ta' kwistjonijiet marbuta mal-IT bejn l-unitajiet operattivi tas-servizzi tal-Parlament sabiex tiżdied l-effiċjenza u t-trasparenza; jenfasizza li l-appoġġ fuq il-post għall-Membri u l-uffiċċji tagħhom spiss isolvi kwistjonijiet relatati mal-IT aktar malajr u b'mod aktar effiċjenti mill-appoġġ telefoniku;

96. Jitlob li jiġi żgurat li jittieħdu miżuri ta' sigurtà xierqa fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet cloud għall-Parlament, inklużi dawk li jippermettu s-sovranità istituzzjonali tiegħu; jinsisti li dan għandu jinkiseb billi jiġu żgurati s-sjieda tad-data, il-lokalizzazzjoni tad-data fit-territorju tal-Unjoni, l-assenza ta' effett ta' intrappolament tal-klijentela u approċċ b'diversi forniturі li jippermetti l-migrazzjoni bla xkiel tat-tagħbijiet tax-xogħol u d-data bejn is-saffi differenti tal-cloud ibridu (fil-bini, fil-cloud privat u pubbliku) kif ukoll bejn il-forniturі tas-servizzi tal-cloud peress li l-ħtiġijiet jinbidlu u mhux biss matul il-fażi tal-ħruġ tas-servizzi tal-cloud, sabiex jinkisbu aktar flessibbiltà u aktar opzjonijiet għall-użu tad-data, kif maqbul mill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Istrateġija ta' Innovazzjoni tal-ICT u kkonfermat mill-Bureau s-sena li għaddiet;

97. Ifakkar li dawn ir-rekwiżiti politikament sinifikanti tal-politika cloud, jiġifieri dwar id-deċiżjoni fl-ogħla livell dwar liema kategoriji ta' data jistgħu jmorru fil-cloud jew le, dwar id-definizzjoni ta' cloud sovran jew dwar l-għażla ta' forniturі, ġew espressi mill-Viċi Presidenti tal-Parlament, u jeħtieġ li jitqiesu fil-proċess tal-adozzjoni tal-politika tal-cloud mill-Bureau, qabel ma jiġi ffirmat kwalunkwe kuntratt ma' fornitur ta' servizz ta' cloud;

98. Jitlob li jiġi żgurat id-dritt għall-Membri u l-assistenti li jużaw software tal-uffiċċju b'xejn u b'sors miftuħ;

99. Ifakkar fil-ħtieġa li jkun hemm approċċ aktar faċili għall-utent, sistematiku u koordinat għall-ħolqien u l-konverżjoni ta' data ta' interess pubbliku f'format miftuħ, li jinqara mill-magni, faċilment aċċessibbli u li jista' jerġa' jintuża mill-utenti; itenni l-importanza li l-Parlament ikollu l-politika tiegħu stess dwar id-data miftuħa; jitlob lis-servizzi rilevanti jressqu abbozz għal approvazzjoni lill-Bureau;

100. Ifakkar li l-prinċipju ġenerali tal-istrateġija tal-cloud huwa s-sigurtà tal-informazzjoni u l-protezzjoni tad-data, u dan jeħtieġ kategorizzazzjoni speċifika tad-data bbażata fuq il-protezzjoni tad-data u valutazzjonijiet tas-sigurtà; jitlob lill-Bureau japprova, wara li jikkunsidra l-analiżi tar-riskju mħejjija mis-servizzi rilevanti, liema kategoriji ta' data u applikazzjonijiet jistgħu jmorru fil-cloud u liema għandhom jinżammu fil-Parlament biss;

101. Ifakkar fil-ħtieġa li jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda effett ta' intrappolament tal-klijentela tal-cloud u li jinkiseb livell ogħla ta' sigurtà bl-użu ta' software b'sors miftuħ u standards miftuħa kull fejn ikun possibbli;

102. Jitlob lill-amministrazzjoni toħloq spazju fuq is-sit web tal-Parlament fejn ir-rekord tal-votazzjoni fil-plenarja ta' kull Membru jkun disponibbli u t-tqassim tal-voti skont il-gruppi politiċi u n-nazzjonalità tal-Membri jkun viżibbli u kumparabbli; jistieden lis-servizzi rilevanti jistudjaw il-fattibbiltà u jittestjaw il-viżwalizzazzjoni tal-emendi ffirmati l-aktar reċenti fil-kumitati u fil-plenarja tal-Membri li jivvolontarjaw fuq il-paġna personali tagħhom fis-sit web tal-Parlament;

103. Jilqa' l-istrateġija Digital Workplace4MEP li toffri soluzzjonijiet għall-mobilità u l-effiċjenza; iqis li l-użu ta' tagħmir ibridu ta' kwalità għolja għandu jikkontribwixxi biex tintlaħaq il-mira ta' ġestjoni ambjentali li l-konsum tal-karta jitnaqqas b'50 % sal-2024; jistenna li t-tnedija twassal għal iffrankar sinifikanti fl-ispejjeż minħabba t-tneħħija gradwali ta' tip ieħor ta' tagħmir;

104. Jiġbed l-attenzjoni fuq l-erba' investigazzjonijiet importanti mwettqa mill-KEPD li jinvolvu lill-Parlament, jiġifieri l-użu tal-kumpanija NationBuilder għall-ipproċessar ta' data personali bħala parti mill-attivitajiet tagħha relatati mal-elezzjoni Ewropea tal-2019, in-nuqqas ta' pubblikazzjoni ta' politika ta' privatezza konformi għas-sit web "did-darbasenivvota" sal-iskadenza stabbilita mill-KEPD, u l-kontrolli tat-temperatura tal-ġisem kif ukoll is-sit web tal-ibbukkjar tat-testijiet fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19; jinnota li fl-ewwel żewġ każijiet, il-Parlament aġixxa f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-KEPD; ifakkar fir-rieżami preliminari msemmi hawn fuq tal-qafas tal-protezzjoni tad-data tal-Parlament; jistieden lis-servizzi rilevanti tal-Amministrazzjoni tal-Parlament jisiltu tagħlimiet mill-investigazzjonijiet imsemmija għall-futur;

105. Jinnota li l-Wi-fi pprovdut fil-bini tal-Parlament fi Brussell sikwit ikun instabbli u ma jipprevedix laqgħat mingħajr disturbazzjonijiet matul telefonati virtwali bil-video; jitlob lill-Parlament jaġġorna s-sistema attwali għal-livell ta' prestazzjoni meħtieġ għal metodu ta' ħidma kompletament remot tal-Parlament;

106. Jilqa' ż-żewġ proġetti Ewropej, Red Flags u Digiwhist, li jużaw il-big data biex inaqqsu l-korruzzjoni u jinkoraġġixxi l-użu ta' teknoloġiji emerġenti bħala parti mid-diġitalizzazzjoni;

Aċċess għall-offerti

107. Jilqa' l-aċċess imtejjeb tal-utenti għall-offerti fil-Parlament; jagħmel ħiltu biex ikompli jsaħħaħ il-proċess ta' diġitalizzazzjoni tiegħu billi jipprovdi Mistoqsijiet Frekwenti ġenerali rigward il-proċeduri tas-sejħiet għall-offerti u jiggarantixxi aċċess faċli għall-utent;

108. Jinnota l-istrument attwali ta' sejħiet għall-offerti elettroniċi, TED, bħala parti mill-proċess ta' trasformazzjoni diġitali tal-akkwist pubbliku, filwaqt li jenfasizza l-ħtieġa għal taqsima ta' mistoqsijiet u tweġibiet multilingwi filwaqt li jiżgura l-aġġornament f'waqtu tagħhom;

Teknoloġiji emerġenti fl-akkwist pubbliku

109. Itenni l-impenn tal-Parlament li jżomm it-trasformazzjoni diġitali tal-akkwist pubbliku, bil-għan li jiffaċilita l-aċċess għall-akkwist pubbliku u jippromwovi l-innovazzjoni teknika diġitali; iqis li l-adozzjoni mid-DĠ ITEC ta' mudell tal-cloud turi l-importanza li jibda jiġi esplorat il-potenzjal tat-teknoloġiji emerġenti fl-akkwist pubbliku;

110. Jinnota li l-akkwist pubbliku ta' oġġetti u servizzi kien stmat li jammonta għal EUR 2 triljuni jew 13,3 % tal-PDG ([7]); jinnota li studju aġġornat fl-2020 wera kif l-użu ta' teknoloġiji ġodda bħall-blockchain, il-big data, l-intelliġenza artifiċjali, l-internet tal-oġġetti u l-istampar 3D jintuża biex jinkisbu affarijiet differenti: L-intelliġenza artifiċjali u t-tagħlim awtomatiku jistgħu jbassru d-domanda futura u jikkategorizzaw in-nefqa tal-akkwist, waqt li ċ-Chatbots jistgħu jgħinu lill-utenti bil-mistoqsijiet li jkollhom; jinnota wkoll li l-blockchain jintuża biex jipprovdi trasparenza fi stadji differenti tal-akkwist pubbliku u biex tiżgura rekord diġitali ta' kull ftehim, kull proċess, kull pagament u sors uniku kondiviż ta' data; jinnota li, fl-aħħar nett, l-istampar 3D jiżgura l-produzzjoni diretta ta' diversi partijiet ([8]); jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-applikazzjoni ta' teknoloġiji emerġenti għas-sejħiet għall-offerti pubbliċi eventwalment issaħħaħ it-trasformazzjoni diġitali tant meħtieġa tal-proċess tal-akkwist pubbliku;

Trasparenza

111. Jinnota bi tħassib serju li skont ir-Rapporti Annwali tar-Reġistru ta' Trasparenza f'dawn l-aħħar snin, madwar nofs l-entrati kollha fir-Reġistru mhumiex korretti; jibża' li r-Reġistru ma jistax jissodisfa l-għan tiegħu li jipprovdi aktar trasparenza dwar l-attivitajiet tar-rappreżentanti ta' interess jekk nofs l-entrati tiegħu jipprovdu informazzjoni mhux kompluta jew mhux korretta; iħeġġeġ lill-Parlament u lill-Kummissjoni jindirizzaw ir-rata għolja ta' entrati mhux korretti billi jżidu, tal-anqas b'mod temporanju, il-Persunal tas-Segretarjat Komuni tar-Reġistru ta' Trasparenza, jiskennjaw sistematikament l-entrati kollha għall-korrettezza u l-kompletezza, u jiżguraw li l-entrati korretti biss jiddaħħlu fir-reġistru;

112. Ifakkar fl-Artikolu 4 tal-Kodiċi ta' Kondotta fir-rigward tal-interessi finanzjarji u l-kunflitti ta' interess, li d-dikjarazzjonijiet tal-interessi finanzjarji tal-Membri għandhom jiġu pprovduti b'mod preċiż; jiddispjaċih dwar xi każijiet b'dettall insuffiċjenti fid-dikjarazzjonijiet dwar attivitajiet esterni mħallsa jew mhux imħallsa, li jqajmu dubji dwar jekk attività bħal din tistax tiġi vverifikata għal kunflitt ta' interess potenzjali mal-attività parlamentari tagħhom; jinnota li f'każijiet fejn ikun hemm raġuni biex wieħed jemmen li l-informazzjoni pprovduta tkun skaduta, il-President jista', fejn ikun xieraq, jitlob lill-Membru jikkoreġi d-dikjarazzjoni fi żmien għaxart ijiem; jistieden lill-Bureau jirrieżamina l-format tad-dikjarazzjonijiet; jinkoraġġixxi konsultazzjonijiet mal-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri f'dan ir-rigward, bil-għan li jiġu skambjati l-aħjar prattiki;

Reklutaġġ

113. Ifakkar li fl-2019, id-DĠ PERS kellu 459 membru tal-persunal u amministra 48 % tal-baġit globali tal-Parlament;

114. Jinnota li bħala eżitu tal-elezzjonijiet tal-2019, il-proporzjon ta' Membri ġodda fid-Disa' Leġiżlatura laħaq il-livell għoli ta' 61 %; jenfasizza li fil-kuntest tal-għadd dejjem jikber ta' ex Membri, is-Segretarju Ġenerali u l-Bureau għandhom jistabbilixxu regoli sodi biex jirregolaw ir-revolving doors, li jirrikjedu li l-ex Membri jinfurmaw lill-Parlament dwar l-attivitajiet u l-impjieg tagħhom ta' wara l-mandat għal perjodu li jestendi tal-inqas tul iż-żmien li l-ex Membri jirċievu l-allowance tranżitorja fi tmiem il-mandat; jitlob li ssir valutazzjoni indipendenti dwar jekk attivitajiet bħal dawn joħolqux kunflitti ta' interess;

([7]) https://ec.europa.eu/trade/policy/accessing-markets/public-procurement/
([8]) https://joinup.ec.europa.eu/sites/default/files/news/2020-06/D.01.06_Final_report_v3.00.pdf

115. Huwa konvint li l-attraenza tal-Parlament bħala impjegatur hija komponent ewlieni tas-suċċess tiegħu; huwa mħasseb serjament bid-diffikultajiet li nqalgħu fir-reklutaġġ ta' xi nazzjonalitajiet u biex jitressqu ċerti profili ta' xogħol internament; jesprimi dispjaċir għad-dipendenza żejda tal-Parlament fuq l-għarfien espert estern; jinnota li d-DĠ PERS bħalissa qed imexxi l-proġett "Nattiraw u nieħdu ħsieb l-aqwa talent" li għandu l-għan li jtejjeb il-politiki tal-Parlament biex jattira u jżomm it-talent u jikkontribwixxi fl-iżvilupp tal-viżjoni strateġika fit-tul tal-Parlament dwar l-impjiegi tal-ġejjieni; jistieden lis-Segretarju Ġenerali jagħmel ħiltu kollha biex itejjeb id-diversità u l-bilanċ ġeografiku tal-persunal tal-Parlament, f'termini tar-rappreżentanza proporzjonali għal kull Stat Membru, inkluż fir-rigward tan-numri ta' pożizzjonijiet ta' maniġment u biex jesplora l-għażliet kollha disponibbli sabiex tiżdied il-kompetittività tal-Parlament bħala impjegatur;

116. Jinsab imħasseb dwar in-nuqqas ta' diversità fost il-persunal tal-Parlament; jistieden lis-Segretarju Ġenerali jagħti prijorità liż-żieda fid-diversità; jieħu nota tad-diffikultà biex jiġu reklutati speċjalisti u persunal fil-qasam tal-IT u finanzjarju fi gradi aktar baxxi fil-Lussemburgu, speċjalment fil-kategorija AST-SC; jenfasizza li l-introduzzjoni ta' koeffiċjent tal-korrezzjoni li jqis l-għoli tal-ħajja ogħla f'dan il-post tax-xogħol flimkien mar-reklutaġġ fi gradi ogħla huma meħtieġa biex tissolva din il-problema strutturali u jtenni, f'dan ir-rigward, it-talba tiegħu lill-Kummissjoni fil-qafas tal-proċedura ta' kwittanza tal-2018; jisħaq li analiżi fattwali preliminari li l-Qorti indirizzat lis-Segretarju Ġenerali f'dan il-kuntest turi li l-proċess ta' selezzjoni organizzat mill-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal mhuwiex adattat għal kompetizzjonijiet fuq skala żgħira u mmirati, li huma dawk l-aktar adatti għall-ħtiġijiet attwali ta' reklutaġġ tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni; jinnota b'sodisfazzjon l-involviment attiv tal-Parlament fi sforz interistituzzjonali fir-rieżami tal-mod kif il-kompetizzjonijiet huma attwalment immexxija mill-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal; jitlob li jiġi żviluppat qafas ġdid ta' selezzjoni għall-kompetizzjonijiet għall-ispeċjalisti u l-introduzzjoni ta' mekkaniżmu għar-rieżami regolari tal-proċess ta' selezzjoni tiegħu; jistieden lis-Segretarju Ġenerali jorganizza kompetizzjonijiet speċjalizzati internament meta jkun xieraq;

117. Jesprimi tħassib kbir ukoll dwar il-fatt li huwa diffiċli ħafna għad-DĠ ITEC li jirrekluta biżżejjed esperti kwalifikati biżżejjed bi profili, għarfien u esperjenza speċifiċi ħafna; jistieden lill-Parlament jiżgura li din it-talba tintbagħat kif xieraq lill-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal biex jirrispondi aħjar għal dawn il-ħtiġijiet speċifiċi tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, b'mod partikolari dawk relatati mal-għarfien espert tal-ICT tal-Parlament fil-qasam taċ-ċibersigurtà, il-cloud computing u l-intelliġenza artifiċjali; jiddeplora d-dipendenza żejda tal-Parlament minn konsulenti esterni u jisħaq fuq l-importanza li d-DĠ ITEC ikompli jiżviluppa l-istrateġija tiegħu 'Minn konsulenti esterni għal persunal bil-kuntratt' sabiex jitnaqqsu r-riskji għas-sigurtà għall-Parlament;

118. Ifakkar fl-importanza li jinkiseb bilanċ ġeografiku ġust fost il-persunal tal-Parlament; josserva li, abbażi tal-proporzjon bejn in-numru tal-persunal u n-numru ta' Membri minn dak l-istess Stat Membru, m'hemm l-ebda diviżjoni bejn Stati Membri li ilhom aktar u dawk aktar reċenti f'termini ta' rappreżentanza żejda jew sottorappreżentanza; jinnota li l-ogħla ħames proporzjonijiet jikkonċernaw membri tal-persunal mill-Belġju, il-Litwanja, l-Estonja, is-Slovenja u Malta, filwaqt li l-aktar ħamsa baxxi huma dawk mill-Polonja, il-Ġermanja, l-Awstrija, in-Netherlands u Ċipru; jenfasizza li attwalment is-Slovenja u l-Litwanja huma fost is-seba' Stati Membri bl-ogħla proporzjon bejn maniġers u Membri; jistieden lill-Parlament jiżgura li l-persunal fil-livelli kollha jiġi impjegat u promoss abbażi tal-kapaċità, l-effiċjenza u l-integrità, mingħajr l-ebda diskriminazzjoni fuq bażi ta' nazzjonalità; jitlob aktar sforzi biex jiġi żgurat li l-impjieg fil-Parlament ikun daqstant attraenti għan-nazzjonalitajiet kollha tal-Unjoni;

119. Jilqa' l-fatt li l-promozzjoni ta' opportunitajiet ugwali hija element fundamentali tal-politika tar-riżorsi umani tal-Parlament; l-iffaċilitar tal-impjieg u t-tisħiħ tal-integrazzjoni ta' persuni b'diżabilità; jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu fir-rigward tal-fatt li l-pjan direzzjonali dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri qed ikompli jiġi implimentat permezz ta' azzjonijiet konkreti u li fit-13 ta' Jannar 2020, il-Bureau approva sett ta' miri għall-bilanċ bejn il-ġeneri f'postijiet superjuri u medji ta' maniġment fis-Segretarjat tal-Parlament li għandhom jintlaħqu sal-2024: 50 % tal-kapijiet ta' unitajiet u diretturi nisa, 40% tad-diretturi ġenerali nisa; jisħaq li jeħtieġ li l-Bureau jkompli jsaħħaħ l-impenn tiegħu favur l-ugwaljanza bejn il-ġeneri billi jimpenja ruħu għal miri aktar ambizzjużi li għandhom jintlaħqu sal-2022: 50 % tal-kapijiet ta' unitajiet u diretturi nisa, 50% tad-diretturi ġenerali nisa; jistieden lill-Bureau jifformula wkoll miri ambizzjużi għal postijiet tax-xogħol maniġerjali fi grad baxx;

120. Itenni li hu essenzjali li r-rappreżentanti tal-persunal jinstemgħu meta l-Bureau jiddiskuti kwistjonijiet ġenerali li jaffettwaw il-politika tal-persunal tiegħu, u jerġa' jappella lis-Segretarju Ġenerali jieħu l-miżuri xierqa biex jimplimenta dan l-approċċ ewlieni; itenni t-talba tiegħu lis-Segretarju Ġenerali biex jieħu passi ulterjuri ħalli jiżgura t-trasparenza u l-ġustizzja matul il-proċeduri ta' ħatra tal-maniġment superjuri; jitlob l-implimentazzjoni sħiħa tal-miżuri rakkomandati mill-Parlament fir-Riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' April 2018, b'mod partikolari li l-uffiċjali mill-korpi rappreżentattivi tal-persunal ikunu fuq il-bordijiet tal-għażla tal-maniġment superjuri tal-Parlament; jitlob, barra minn hekk, biex tiġi żgurata l-konsistenza fir-rigward tal-pubblikazzjonijiet esterni għal postijiet tax-xogħol ta' maniġment superjuri u d-diliġenza fil-pubblikazzjoni ta' dawn il-postijiet tax-xogħol kif u meta jitbattlu;

121. Ifakkar fis-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman Ewropew fil-każijiet konġunti 488/2018/KR u 514/2018/K, u jistieden lis-Segretarju Ġenerali jkompli jtejjeb il-proċeduri ta' ħatra tal-uffiċjali ta' grad għoli permezz ta' aktar trasparenza u ugwaljanza; jistieden lill-amministrazzjoni tal-Parlament tirrapporta kull sena dwar il-ħatra tal-uffiċjali ta' grad għoli;

Persunal, Assistenti Parlamentari Akkreditati u Assistenti Lokali

122. Jiġbed l-attenzjoni għall-mira ta' tnaqqis annwali ta' 6 % fil-persunal, li fl-2019 kienet tirrikjedi li l-Parlament jelimina 59 post mit-tabella tal-persunal amministrattiv tiegħu; jirrikonoxxi ż-żieda simultanja fin-numru ta' aġenti kuntrattwali; iwissi dwar il-konsegwenzi serji li kwalunkwe tnaqqis baġitarju fl-amministrazzjoni jew tnaqqis tal-persunal jista' jkollu fil-futur fuq is-servizz pubbliku Ewropew u għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni; jinsab imħasseb, b'mod partikolari, dwar l-effetti negattivi ta' dan it-tnaqqis sinifikanti fuq il-prestazzjoni tal-Parlament minħabba r-riforma tal-persunal tal-2014, kemm fuq perjodu ta' żmien qasir kif ukoll fuq perjodu ta' żmien twil, filwaqt li huwa konxju wkoll tal-ħtieġa li jiġu żgurati l-ġestjoni baġitarja responsabbli u t-tfaddil fejn xieraq; jinnota li l-ħidma u r-responsabbiltà ta' ċerti kumitati parlamentari żdiedu peress li issa huma responsabbli għall-iskrutinju tal-Pjan ta' Rkupru tal-UE tan-Next Generation EU ta' EUR 750 biljun, li flimkien mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021–2027 (QFP) jammontaw għal EUR 1,8 triljun; jinsab imħasseb dwar in-nuqqasijiet tal-kapaċitajiet tal-persunal amministrattiv fis-segretarjati rilevanti; jitlob li ssir valutazzjoni mill-ġdid tas-sitwazzjoni tal-persunal;

123. Jinnota li l-Qorti sabet li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni naqqsu l-għadd ta' postijiet tax-xogħol għal uffiċjali (jiġifieri persunal permanenti u persunal temporanju), filwaqt li gradwalment żiedu l-għadd ta' persunal kuntrattwali (li żdiedu b'121 % bejn l-2012 u l-2018, b'xejra simili fl-2019, li wassal għal żieda sostanzjali fil-proporzjon ta' persunal kuntrattwali fil-forza tax-xogħol totali; jiddispjaċih bil-kbir għan-nuqqas ta' prospetti ta' karriera għall-persunal kuntrattwali fil-każ tal-amministrazzjoni tal-Parlament; jistieden lis-Segretarju Ġenerali jivvaluta r-riskji relatati mal-impjieg ta' għadd dejjem jikber ta' persunal kuntrattwali, inkluż il-periklu li tinħoloq struttura tal-persunal b'żewġ livelli fi ħdan il-Parlament; jinsisti li l-kompiti u l-karigi permanenti ewlenin għandhom jitwettqu minn persunal permanenti; jinnota li r-rapport annwali tal-Qorti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni għall-2019 ma eżaminawx jekk dawn is-sostituzzjonijiet irriżultawx minn trasferimenti ta' impjegati bbażati fi Strasburgu jew fil-Lussemburgu lejn Brussell; jistieden lill-unità tar-riżorsi umani tal-Parlament taqsam informazzjoni dwar ir-rilokazzjoni tal-persunal fit-tliet postijiet tax-xogħol tal-Parlament sa mill-2012, jew bħala parti mill-proċedura ta' kwittanza annwali jew billi taqsam informazzjoni rilevanti mal-Qorti biex tiġi inkluża fir-rapporti annwali li jmiss dwar l-implimentazzjoni tal-baġit;

124. Jenfasizza l-fatt li r-regoli attwali dwar it-terminazzjoni ta' kuntratt għall-APA ma jipprevedux il-possibbiltà ta' terminazzjoni permezz ta' "kunsens reċiproku", li jkun mod kif tiġi rikonoxxuta r-relazzjoni politika speċjali bejn il-Membri u l-assistenti, fejn iż-żewġ partijiet jistgħu jirrikonoxxu li l-fiduċja reċiproka m'għadhiex teżisti, u jibbenefikaw minn soluzzjoni komuni mingħajr ma jiddgħajfu d-drittijiet soċjali tal-APA; jinnota li din il-kwistjoni ġiet enfasizzata f'diversi rapporti ta' kwittanza tal-Parlament u jistenna li titħaddet azzjoni malajr kemm jista' jkun;

125. Jinnota li l-membri tal-persunal li jkunu ħadmu fl-istituzzjonijiet tal-Unjoni għal anqas minn 10 snin mhumiex intitolati għal pensjoni tal-Unjoni u jridu jittrasferixxu l-kontribuzzjonijiet tagħhom f'fond ieħor li jkun jissodisfa r-regoli tal-Parlament rigward it-tip ta' fond u l-età li fiha l-fondi jkunu jistgħu jingħibdu; jinnota li ħafna APA Britanniċi ma rnexxilhomx jittrasferixxu l-kontribuzzjonijiet tagħhom f'ċerti fondi tal-pensjonijiet fir-Renju Unit li l-Parlament iqis li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tiegħu; jitlob lis-Segretarju Ġenerali jeżamina din il-kwistjoni b'urġenza biex jiżgura li l-membri kollha tal-persunal ikunu jistgħu jaċċessaw il-kontribuzzjonijiet tagħhom;

126. Ifakkar li l-Parlament talab għal leġiżlazzjoni tal-Unjoni li tagħti lill-ħaddiema d-dritt ta' skonnessjoni diġitali mix-xogħol mingħajr ma jsofru konsegwenzi negattivi; jitlob lill-Parlament jippromwovi u japplika dan il-prinċipju għalih ukoll;

127. Jinsab imħasseb serjament dwar l-għadd ta' membri tal-persunal fuq liv minħabba mard fit-tul peress li xi whud minn dawn il-każijiet jistgħu jkunu minħabba eżawriment u disturb tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata; jistieden lill-amministrazzjoni u lill-mexxejja tal-gruppi politiċi biex ikunu proattivi fir-rigward tal-persunal ikkonċernat, jevalwaw bir-reqqa l-ammont ta' xogħol tal-persunal u jiżguraw distribuzzjoni bilanċjata tal-kompiti; jisħaq, f'dan ir-rigward, l-importanza ta' skeda tax-xogħol raġonevoli u li jiġu evitati laqgħat barra l-ħinijiet tal-uffiċċju li jipprevjenu lill-Membri u lill-persunal milli jżommu l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata filwaqt li jitqies il-qafas tal-kalendarju parlamentari; jilqa' l-kampanja 'Mind Matters' (Nieħdu Ħsieb is-Saħħa Mentali) li tnediet fl-2018 mid-DĠ PERS biex jissensibilizza u jiġġieled l-istigma marbuta mas-saħħa mentali; iħeġġeġ lill-amministrazzjoni tal-Parlament u lill-mexxejja tal-gruppi politiċi biex jagħmlu valutazzjoni psikoloġika tar-riskju u jsibu r-riskji psikoloġiċi fl-ambjent tax-xogħol u jiżviluppaw pjanijiet ta' azzjoni mmirati biex jew jeliminawhom, jew jimmitigaw l-impatt negattiv tagħhom; jitlob li ssir valutazzjoni mill-ġdid tar-regoli applikabbli biex ikunu jistgħu jiġu impjegati aktar malajr sostituti f'każijiet ta' liv minħabba mard fit-tul;

128. Jisħaq fuq il-ħtieġa urġenti biex tiġi riveduta d-deċiżjoni tal-Bureau li tistabbilixxi l-kategoriji tal-kumitati abbażi tal-ammont ta' xogħol leġiżlattiv tagħhom bil-għan li titqies ukoll il-ħidma tagħhom relatata mal-baġit; jinnota li s-sitwazzjoni attwali qed ikollha impatt partikolarment negattiv fuq il-Kumitat tal-Parlament għall-Kontroll tal-Baġit, li diġà jsofri minn nuqqas kroniku ta' persunal, u li jiffaċċja ammont kbir ta' xogħol minħabba l-proċedura ta' kwittanza iżda għandu ammont ta' xogħol leġiżlattiv baxx; jitlob lill-amministrazzjoni tal-Parlament biex għal darb'oħra ssib soluzzjonijiet urġenti biex ittejjeb is-sitwazzjoni;

129. Jitlob lis-Segretarju Ġenerali jsib soluzzjoni għall-fatt li s-salarji tal-APA jridu jmorru biss f'kontijiet bankarji Belġjani, fatt li jmur kontra l-idea ta' unjoni monetarja u ta' pagamenti unika;

130. Jilqa' l-iżvilupp ta' miżuri li jikkontribwixxu għal bilanċ aħjar bejn il-ħajja professjonali u dik privata inkluża l-implimentazzjoni ta' possibilitajiet estiżi ta' telexogħol għall-persunal tal-Parlament u ta' miżuri li jippromwovu l-benessri fuq il-post tax-xogħol; jenfasizza, madankollu, il-valur tal-preżenza fiżika fil-Parlament; jenfasizza l-kontribut tal-arranġamenti tat-telexogħol u l-votazzjoni remota titnaqqas aktar il-marka tal-karbonju tal-Parlament; jisħaq li jeħtieġ li l-persunal tal-Parlament u l-Membri jingħataw l-opportunità li jkomplu jwettqu l-ħekk imsejħa laqgħat ibridi kif ukoll il-votazzjoni remota; jistieden lill-Bureau jkompli jipprovdi mekkaniżmi biex jiffaċilita dawn l-arranġamenti fil-futur;

131. Jappoġġa t-tkomplija tal-implimentazzjoni tal-attivitajiet tal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza u d-Diversità għall-2014–2019; jinsisti fuq l-importanza ta' bilanċ aħjar bejn il-ġeneri fil-livelli kollha, inkluż fil-livell tad-Diretturi Ġenerali; jappoġġja l-miżuri fir-rapport dwar "Diversitajiet minbarra l-ġeneru fis-Segretarjat tal-Parlament – is-sitwazzjoni attwali u l-pjan direzzjonali" adottat mill-Bureau fit-3 ta' April 2019; jiċċelebra b'mod partikolari l-ħolqien fl-2020 ta' żewġ punti ta' kuntatt fil-Parlament, wieħed dwar kwistjonijiet LGBTI+ u wieħed dwar kwistjonijiet ta' diskriminazzjoni razzjali, it-tnejn ġestiti mill-Unità tal-Ugwaljanza, l-Inklużjoni u d-Diversità tad-DĠ PERS;

132. Ifakkar fis-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman Ewropew; ([9]); jiddeplora l-politika attwali tal-Parlament dwar il-liv, li rriżultat fl-għoti ta' 10 ijiem biss ta' liv speċjali lil missier ta' żewġ tewmin minħabba nuqqas ta' rabta materna bejnu u t-tfal tiegħu; iqis li huwa sorprendenti l-kuntrast għal-liv mogħti lil żewġu fil-Kummissjoni, li rċieva 20 ġimgħa ta' liv speċjali ad hoc; jieħu nota tat-tweġiba bil-miktub tal-amministrazzjoni tal-Parlament fejn ġie ddikjarat li s-servizzi tal-Parlament qegħdin jaħdmu fuq regoli ġodda; jappella lill-amministrazzjoni tal-Parlament tallinja l-politika tagħha dwar il-liv speċjali ma' dik tal-Kummissjoni, li hija konformi mal-aħjar interessi tat-tfal;

133. Jilqa' ż-żewġ skemi ta' azzjoni pożittiva tal-Parlament biex jirrekluta 12-il aġent kuntrattwali u żewġ trainees b'diżabilità matul l-aħħar sentejn;

([9]) L-Inizjattiva Strateġika dwar "Id-drittijiet tal-liv ta' ċerti membri tal-persunal u l-aħjar interessi tat-tfal" (SI/1/2019/AMF).

134. Jappoġġja t-tnedija ta' kampanja ta' sensibilizzazzjoni fl-2019 biex tiġi promossa politika ta' tolleranza żero għal fastidju fuq il-post tax-xogħol; jirrikonoxxi l-politika ta' tolleranza żero tal-Parlament fir-rigward ta' fastidju fil-livelli kollha, inklużi l-Membri, il-persunal u l-APAs; jinnota li wara l-elezzjonijiet tal-2019, il-Membri kollha kellhom jiffirmaw dikjarazzjoni li tikkonferma l-impenn tagħhom li jikkonformaw mal-kodiċi ta' mġiba xierqa inkorporat fir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament f'Jannar 2019; jesprimi dispjaċir, madankollu, li fl-2019 infetħu 10 każijiet ġodda ta' fastidju u minn dawn 4 każijiet kienu jikkonċernaw fastidju sesswali; jilqa' l-fatt li l-Parlament jipprovdi taħriġ volontarju dwar id-dinjità u r-rispett fuq il-post tax-xogħol għall-Membri sabiex imexxu bl-eżempju jiddispjaċih ħafna f'dan il-kuntest li l-Bureau rrifjuta li jimplimenta r-rieda tal-plenarja espressa f'diversi okkażjonijiet ([10]) biex jistitwixxi taħriġ obbligatorju kontra l-fastidju għall-persunal kollu u għall-Membri kollha; iħeġġeġ lill-Bureau jimplimenta din it-talba mingħajr aktar dewmien;

135. Huwa tal-fehma li l-Parlament għandu jipprovdi akkomodazzjoni bażika għall-ommijiet li jreddgħu fuq il-post tax-xogħol, partikolarment billi jingħata l-ħin u spazju privat li mhuwiex kamra tal-banju;

136. Jiddispjaċih għat-38 każ pendenti li jinvolvu lill-Parlament mal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi fl-2019 li jvarjaw mill-użu xieraq ta' allowances parlamentari u ta' mġiba tal-persunal għall-finanzjament tal-istrutturi politiċi Ewropej; jindika l-fatt li fl-2019 ingħalqu 14-il każ; jesprimi t-tħassib qawwi tiegħu dwar in-numru għoli ta' każijiet; jitlob lis-servizzi parlamentari jwettqu analiżi fil-fond tar-riskji finanzjarji, legali, etiċi u ta' integrità eżistenti li taw lok għal dawn il-każijiet u jipproponu miżuri preventivi sabiex jiġi żgurat li dawn ma jiġux ripetuti;

137. Jieħu nota tal-fatt li ma kien hemm l-ebda każ ta' żvelar ta' informazzjoni protetta rreġistrat fil-Parlament fl-2019; Jistieden lill-Parlament biex jadatta bis-sħiħ ir-regoli interni tiegħu stess fir-Regolamenti tal-Persunal għad-Direttiva (UE) 2019/1937 ([11]) adottata reċentement, inklużi regoli komprensivi u proċeduri siguri billi jistabbilixxi kanali siguri għar-rappurtar; huwa tal-fehma li l-protezzjoni tal-informaturi hija element integrali tad-demokrazija u hija kruċjali għall-prevenzjoni u l-iskoraġġiment ta' attivitajiet illegali u għemil ħażin; ifakkar li, fost l-oħrajn, l-APA huma f'pożizzjoni vulnerabbli minħabba l-kuntratt ta' impjieg tagħhom; jinnota wkoll li l-informaturi jisthoqqilhom protezzjoni xierqa, simili għal dik tal-vittmi ta' fastidju u li dan għandu jinkludi wkoll l-istabbiliment ta' kumitat konsultattiv li jittratta l-protezzjoni tal-informaturi; jistieden lis-Segretarju Ġenerali jiżgura li l-protezzjoni pprovduta mill-Parlament għall-APAs li jaġixxu bħala informaturi tkun ekwivalenti għal dik prevista għall-APAs li huma vittmi ta' fastidju; jitlob lill-Parlament iqajjem kuxjenza, fejn possibbli, fost il-persunal parlamentari dwar il-protezzjonijiet tal-informaturi tagħhom u d-dmir tagħhom skont ir-Regolamenti tal-Persunal li jirrappurtaw attivitajiet illegali jew amministrazzjoni ħażina u jistieden lill-Parlament jikkunsidra taħriġ obbligatorju f'dan ir-rigward; itenni t-talba tiegħu għal kampanji ta' informazzjoni f'dan ir-rigward;

138. Itenni t-talba tiegħu lill-amministrazzjoni tal-Parlament biex tipprovdi, kemm jista' jkun malajr fil-leġiżlatura li jmiss, pubblikazzjonijiet jew korsijiet ta' taħriġ obbligatorji għall-APA l-ġodda, inkluż, b'mod partikolari dwar kwistjonijiet finanzjarji u amministrattivi (ordnijiet ta' missjoni, visti mediċi, akkreditament, stikers tal-parkeġġ, gruppi ta' viżitaturi, wirjiet, eċċ.) sabiex jiġu evitati żbalji sistemiċi li jħarbtu t-tmexxija bla xkiel tal-proċeduri amministrattivi li jaffettwawhom; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa ta' taħriġ tekniku dwar il-ħidma tal-kumitati parlamentari kif ukoll il-possibbiltà li jattendu korsijiet tal-lingwa barra mill-ħinijiet tal-uffiċċju;

139. Jesprimi tħassib serju dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol ta' tnejn mill-konċessjonijiet esterni kkuntrattati mill-Parlament, jiġifieri s-servizzi tat-tindif u tal-catering; jinsab imħasseb dwar iż-żieda fl-użu ta' persunal temporanju u interim u l-impatt ta' dan kemm fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom kif ukoll fuq il-kwalità tas-servizzi pprovduti; itenni t-talba tiegħu li għamel lil DĠ INLO fis-snin preċedenti biex iwettaq stħarriġ indipendenti dwar is-sodisfazzjon dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-persunal ikkonċernat; jappella lill-amministrazzjoni tivvaluta l-politika tal-akkwist pubbliku tal-Parlament biex jiġu żgurati kundizzjonijiet tax-xogħol siguri, trasparenti u prevedibbli għall-persunal sottokuntrattat; jitlob lis-Segretarju Ġenerali jniedi malajr studju dwar il-vantaġġi li l-internalizzazzjoni ta' dawn is-servizzi jista' jkollha kemm għall-istituzzjoni kif ukoll għad-drittijiet tax-xogħol tal-ħaddiema u jippreżentah kemm lill-Kumitat tal-Parlament għall-Baġits kif ukoll lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit ladarba dan ikun disponibbli;

([10]) Ir-Riżoluzzjoni (UE) 2020/1880 tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Mejju 2020 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2018, Taqsima I – Il-Parlament Ewropew (paragrafu 115) (ĠU L 417, 11.12.2020, p. 122). Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Ottubru 2017 dwar il-ġlieda kontra l-fastidju u l-abbuż sesswali fl-Unjoni Ewropea (paragrafu 17) (ĠU C 346, 27.9.2018, p. 192).

([11]) Id-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni (ĠU L 305, 26.11.2019, p. 17).

140. Jilqa' l-introduzzjoni ta' għażla usa' u aktar sostenibbli ta' ikel, inkluż l-introduzzjoni ta' varjetà akbar ta' prodotti veġetarjani u vegani, mill-kantin self-service tal-Parlament; jinnota t-tnedija ta' stħarriġ indipendenti dwar is-sodisfazzjon tal-klijenti permezz tat-twaqqif tat-terminals Happy or Not fil-ħwienet ewlenin fi Brussell, Strasburgu u l-Lussemburgu bl-għan li jiġu identifikati l-ħwienet fejn huma meħtieġa bidliet u titjib; josserva li t-terminal Happy or Not wera rata kostanti u solida ta' titjib tas-servizzi tal-forniment tal-ikel fil-binjiet Kohl u Martens, filwaqt li r-rata ta' sodisfazzjon hija aktar baxxa fil-binjiet Spinelli u Paul-Henri Spaak; jitlob li jsiru l-bidliet meħtieġa biex isir adattament għall-ħtiġijiet tal-klijenti; jinsab imħasseb li l-ikliet mhux veġetarjani spiss jiswew aktar mill-ikliet veġetarjani; jitlob li l-kantins kollha juru biżżejjed menus li jindikaw l-allerġiji ħdejn il-bank u biex ta' kuljum joffru ikla waħda mingħajr glutina;

141. Jenfasizza li l-kriżi tal-COVID-19 irrikjediet l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet b'impatt dirett fuq il-persunal tal-Parlament, inkluż il-persunal b'subkuntrattar u l-persunal freelance; jirrimarka, f'dan ir-rigward, fost l-oħrajn, id-deċiżjoni li jingħalqu Dar l-Istorja Ewropea, is-siti Europa Experience u l-uffiċċji ta' kollegament tal-Unjoni Ewropea kif ukoll il-modifika tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-interpreti freelance u tal-persunal tat-tindif u tar-ristoranti; jirrikonoxxi li fiċ-ċirkostanzi attwali relatati mat-tixrid tal-COVID-19, l-istituzzjonijiet, fosthom il-Parlament, iridu jieħdu deċiżjonijiet b'mod rapidu u mhux burokratiku biex jipprevjenu t-tixrid ulterjuri tal-virus u biex iżommu lill-persunal tagħhom 'l bogħod mill-periklu; jistieden, madankollu, lill-Parlament jerfa' r-responsabbiltajiet soċjali tiegħu f'kull deċiżjoni, biex jevita jew jikkumpensa għal kull bidla fl-introjtu u jevita b'kull mezz li jagħti s-sensja lill-persuni li jaħdmu fil-bini tal-Parlament minħabba l-coronavirus;

142. Jiddeplora d-deċiżjoni tal-Grupp COMPASS li jkeċċi 80 membru tal-persunal tas-servizz tal-forniment tal-ikel sa Jannar 2021; jilqa' n-negozjati li saru mal-grupp COMPASS li naqqsu l-għadd totali ta' sensji għal 49, iżda jesprimi nuqqas ta' sodisfazzjon kbir li għad fadal persunal li jrid jitkeċċa; jinnota li l-persunal imkeċċi ġie infurmat ftit qabel il-Milied tal-2020 u f'nofs pandemija; jisħaq fuq il-fatt li xi wħud mill-persunal li tkeċċew kienu ilhom jaħdmu fil-bini tal-Parlament għal għexieren ta' snin; ifakkar fl-appelli ripetuti tal-Parlament lill-kumpaniji madwar l-Unjoni biex iżommu l-persunal tagħhom matul il-pandemija; jistieden lill-awtoritajiet rilevanti tal-Parlament jinvestigaw is-soluzzjonijiet alternattivi possibbli kollha li jissalvagwardjaw l-impjieg tal-ħaddiema kollha tal-kantin u jitlob lill-amministrazzjoni tal-Parlament issib soluzzjonijiet fil-qafas tad-djalogu soċjali; jistieden lill-Bureau jikkunsidra mill-ġdid il-politika ta' esternalizzazzjoni tal-Parlament; iħeġġeġ lis-Segretarju Ġenerali jwieġeb mingħajr dewmien għal ittra mibgħuta dwar it-tkeċċija ffirmata minn 355 Membru; jitlob li l-politika tal-akkwist pubbliku tal-Parlament tiġi evalwata fid-dawl tat-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli għas-servizzi sottokkuntrattati kollha; jistieden lill-Parlament jirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar ir-riżultati ta' din l-evalwazzjoni;

143. Jenfasizza li ikliet ta' kuljum ta' solidarjetà u miżuri oħra ta' solidarjetà mill-Parlament, kif deċiż mill-Bureau, naqqsu l-impatt finanzjarju, ekonomiku u soċjali fuq il-fornituri tal-ikel u l-impjegati tagħhom; jieħu nota li l-Parlament qiegħed ifittex li jsalva kemm jista' jkun impjiegi li huma raġonevoli mill-perspettiva tal-impjieg, iżda wkoll ġustifikabbli għall-użu tal-baġit tal-Parlament;

144. Jieħu nota tas-soluzzjonijiet li nstabu għall-APA li jkunu ħadmu għal żewġ leġiżlaturi konsekuttivi mingħajr interruzzjoni iżda li kien jonqoshom massimu ta' xahrejn biex jikkompletaw l-għaxar snin ta' servizz meħtieġa biex ikollhom dritt għal pensjoni skont l-iskema tad-drittijiet tal-pensjoni tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni; jikkritika l-fatt li s-soluzzjoni tressqet tard wisq, minkejja t-twissijiet numerużi u bla waqfien matul il-leġiżlatura preċedenti; jikkritika, barra minn hekk, il-fatt li l-unika soluzzjoni li nstabet kienet tiddependi biss mir-rieda tajba ta' ċerti Membri li kienu jafu bis-sitwazzjoni u wrew solidarjetà ma' dawn l-APA; jikkritika wkoll il-fatt li l-amministrazzjoni ma infurmatx lill-Membri eletti għal-leġiżlatura l-ġdida dwar din il-kwistjoni u dwar il-fatt li setgħu joħorġu kuntratti ta' anqas minn sitt xhur f'dawn il-każijiet, u li minħabba f'hekk ħafna minn dawn l-APA kellhom diffikultajiet kbar biex isibu Membru li kien lest li jimpjegahom fuq kuntratt mingħajr interruzzjoni għal perjodu qasir ta' żmien, u xi wħud lanqas biss irnexxielhom jagħmlu dan;

145. Itenni t-tħassib tiegħu dwar l-allegata prassi skont liema l-Membri jobbligaw lill-APA jmorru fuq missjoni, parti-kolarment fi Strasburgu, mingħajr ordnijiet ta' missjoni u mingħajr rimborż tal-ispejjeż tal-missjoni tagħhom u mingħajr infiq għall-ivvjaġġar; huwa tal-fehma li din il-prattika tagħti lok għal abbuż bħal meta APA jivvjaġġaw mingħajr ordni ta' missjoni u mhux biss ikollhom iħallsu minn buthom l-ispejjeż, iżda lanqas ma jkunu koperti mill-assigurazzjoni fuq il-post tax-xogħol; itenni t-talba tiegħu lis-Segretarju Ġenerali biex jinvestiga dan;

146. Itenni t-talba tiegħu biex l-APA jirċievu l-istess allowance ta' sussistenza bħall-persunal statutorju għall-missjonijiet tagħhom biex jattendu s-sessjonijiet parzjali fi Strasburgu; jieħu nota tat-tweġiba ta' segwitu pprovduta mis-Segretarju Ġenerali dwar ir-regoli differenti li jikkonċernaw ir-rimborż tal-ivvjaġġar fuq xogħol bejn it-tliet postijiet tax-xogħol tal-Parlament li japplikaw għas-segretarjat tal-Parlament u l-APA; jinsisti fuq it-talba tiegħu għal bidla sussegwenti tar-regoli rilevanti msemmija mis-Segretarju Ġenerali;

147. Itenni t-talba tiegħu lill-Konferenza tal-Presidenti u lill-Bureau biex jikkunsidraw mill-ġdid il-possibbiltà li l-APA, skont ċerti kundizzjonijiet li għad iridu jiġu stabbiliti, jakkumpanjaw lill-Membri fuq delegazzjonijiet u f'missjonijiet uffiċjali tal-Parlament, kif diġà mitlub minn diversi Membri; jieħu nota tal-impatt finanzjarju stmat spjegat mis-Segretarju Ġenerali dwar is-segwitu tiegħu għall-kwittanza tal-2018 iżda jinsisti fuq l-estensjoni limitata ta' din il-possibbiltà; jissuġġerixxi diskussjoni ġdida fil-livell tal-Bureau u tal-Konferenza tal-Presidenti;

148. Jenfasizza l-ħtieġa li tiġi riveduta l-politika tar-riżorsi umani tal-Parlament sabiex l-istituzzjoni tkun tista' tagħmel użu mill-għarfien espert miksub mill-persunal kollu tal-Parlament; jemmen li huwa għalhekk meħtieġ li jinbidlu r-regoli biex il-kategoriji kollha tal-persunal, inklużi l-APA, ikunu jistgħu jipparteċipaw f'kompetizzjonijiet interni u jistabbilixxu skemi ta' żvilupp tar-riżorsi umani li jippermettu lill-Parlament iżomm l-għarfien espert ta' dawn il-kategoriji ta' persunal għas-servizz tal-istituzzjoni;

Dispersjoni ġeografika tal-Parlament – Sede Unika

149. Jinnota li l-Qorti stmat li l-idea tat-trasferiment minn Strasburgu lejn Brussell jista' jiġġenera ffrankar annwali ta' EUR 114-il miljun flimkien ma' ffrankar ta' darba ta' EUR 616-il miljun f'każ ta' ċessjoni effikaċi tal-bini fi Strasburgu, jew spiża ta' darba ta' EUR 40 miljun jekk dan ma jseħħx; jinnota li sede unika tista' tinkiseb biss permezz ta' bidla unanima fit-Trattat; ifakkar li maġġoranza kbira tal-Membri tal-Parlament esprimew l-appoġġ, f'diversi riżoluzzjonijiet, favur sede unika biex jiġi żgurat l-infiq effiċjenti ta' flus il-kontribwenti tal-Unjoni; iħeġġeġ lill-Kunsill jieħu nota tal-pożizzjoni tal-Parlament;

150. Ifakkar li n-nefqa addizzjonali kkawżata mill-ivvjaġġar lejn Strasburgu tmur kontra l-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba;

151. Jiġbed l-attenzjoni għal studju reċenti ppreżentat lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel tal-Parlament ([12]); jenfasizza l-konklużjoni tal-istudju li "lejn direzzjoni ta' newtralità karbonika, huwa evidenti li l-Parlament jeħtieġ li jikkunsidra l-operat f'sit wieħed"; ifakkar li fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' Novembru 2019 dwar l-emerġenza klimatika u ambjentali ([13]), il-Parlament huwa impenjat li jnaqqas il-marka tal-karbonju tiegħu; Ifakkar li fl-istess riżoluzzjoni l-Parlament iddikjara stat ta' emerġenza klimatika u ambjentali; jinnota li Brussell huwa l-akbar ċentru ta' attività tal-Parlament, li jospita l-Kunsill u l-Kummissjoni iżda wkoll partijiet interessati oħra, NGOs, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u rappreżentanzi tal-Istati Membri; iqis, għalhekk, li ż-żamma ta' Strasburgu bħala sede hija insostenibbli u indifensibbli;

152. Itenni l-fatt li l-kriżi tal-COVID-19 tikkostitwixxi sitwazzjoni ta' forza maġġuri li ġieħlet lill-Parlament iħassar parti sostanzjali tat-12-il sessjoni tiegħu ta' Strasburgu mill-kalendarju parlamentari għall-2020; jafferma li l-kost u l-konsegwenzi tas-saħħa tal-kriżi tal-COVID-19 ma għandhomx jiżdiedu mal-kost tal-vjaġġi lejn Strasburgu; iħeġġeġ bil-qawwa lill-Istati Membri jastjenu, b'deroga mit-Trattat, milli jinsistu fuq l-organizzazzjoni ta' sessjonijiet kumpensatorji fi Strasburgu;

Fond ta' Pensjoni Volontarja

153. Ifakkar fl-Artikolu 27(1) u (2) tal-Istatut għall-Membri tal-Parlament li jiddikjara li "[I]l-fond għall-pensjoni volontarja mwaqqaf mill-Parlament Ewropew għandu jinżamm wara d-dħul fis-seħħ ta' dan l-Istatut għall-Membri jew ex Membri li diġà kisbu drittijiet jew jeddijiet futuri f'dak il-fond" u li "[D]rittijiet miksuba u drittijiet futuri għandhom jinżammu fl-intier tagħhom";

([12]) https://www.europarl.europa.eu/meetdocs/2014_2019/plmrep/COMMITTEES/ENVI/DV/2020/11-16/IPOL_STU2020652735_EN.pdf

([13]) Testi adottati, P9_TA(2019)0078.

154. Jinnota barra minn hekk li, fi tmiem l-2019, l-ammont nett ta' assi li għandhom jitqiesu u l-impenn attwarjali ammontaw għal EUR 111-il miljun u EUR 439,6 miljun rispettivament, u dan irrappreżenta defiċit attwarjali stmat ta' EUR 328,6 miljun; jinsab imħasseb ħafna dwar il-possibbiltà li l-fond ta' pensjoni volontarja jiġi eżawrit; jenfasizza l-fatt li s-sitwazzjoni attwali tal-fond hija tali li ma tistax tissodisfa l-impenji futuri tagħha; huwa konvint dwar il-ħtieġa li jiġu spjegati aktar il-konsegwenzi legali tar-regoli u/jew li jiġu mmodifikati r-regoli; jistieden lill-Qorti tippreżenta opinjoni ġdida dwar il-fondi ta' pensjoni volontarja, filwaqt li tinvestiga fl-għażliet kollha possibbli biex tillimita d-defiċit tagħha; jinnota li l-Parlament ser jistenna d-deċiżjoni tal-Qorti u jimplimentaha malajr;

155. Ifakkar fil-paragrafu 118 tar-riżoluzzjoni dwar il-kwittanza tal-Parlament tal-2017 li talbet li jiġu investigati l-bażijiet legali tal-fond ta' pensjoni volontarja u b'mod partikolari, jekk il-Parlament għandux obbligu legali li jiggarantixxi li d-drittijiet futuri jinżammu bis-sħiħ u li jimla d-defiċits potenzjali tal-fond jew li jdaħħal flus ġodda fil-fond, peress li l-fond ta' pensjoni volontarja huwa fond ta' investiment SICAV skont il-liġi tal-Lussemburgu aktar milli fond ta' pensjoni regolari, li jimplika li fil-prinċipju ma hemm l-ebda obbligu bħal dan; jiddispjaċih li s-Segretarju Ġenerali għadu ma ppreżenta l-ebda informazzjoni b'reazzjoni għall-investigazzjoni mitluba;

156. Ifakkar li dawn l-obbligazzjonijiet futuri proġettati huma mifruxa fuq għexieren ta' snin iżda jinsab imħasseb ħafna li filwaqt li l-ammont totali mħallas mill-fond ta' pensjoni volontarja fl-2019 jammonta għal madwar EUR 18-il miljun u din iċ-ċifra mistennija li tiżdied għal madwar EUR 20 miljun fl-2025;

157. Ifakkar li, fil-laqgħa tiegħu tal-10 ta' Diċembru 2018, il-Bureau ddeċieda li jimmodifika r-regoli applikabbli għall-iskema tal-pensjoni billi jżid l-età tal-irtirar minn 63 għal 65 sena u jintroduċi imposta ta' 5 % għall-pagamenti tal-pensjoni għall-pensjonanti futuri bl-għan li jtejjeb is-sostenibbiltà tiegħu; jilqa' l-fatt li l-effetti immedjati tal-bidla fir-regoli kienu ffrankar fil-pagamenti tal-pensjonijiet tal-2019 li jammonta għal madwar EUR 325 000, li minn dawn, EUR 306 000 ġejjin miż-żieda fl-età tal-pensjoni u EUR 19 000 ġejjin mill-introduzzjoni ta' imposta ta' 5 % għall-pensjonijiet kollha stabbiliti wara l-1 ta' Jannar 2019; jitlob li l-Bureau jevalwa l-għażliet kollha possibbli malli l-Qorti tal-Ġustizzja tkun ħadet id-deċiżjonijiet tagħha dwar il-miżuri attwali sabiex tinstab soluzzjoni ġusta għall-iskema u l-fond tal-pensjoni volontarja filwaqt li r-responsabbiltà tal-Parlament tinżamm minima, peress li hemm involuti l-flus tal-kontribwenti tal-Unjoni;

158. Jistieden lis-Segretarju Ġenerali u lill-Bureau jirrispettaw bis-sħiħ l-Istatut għall-Membri u jistabbilixxu pjan ċar għall-Parlament li jassumi u jieħu f'idejh l-obbligi u r-responsabbiltajiet għall-iskema tal-pensjoni volontarja tal-Membri tiegħu flimkien mal-fond tal-pensjoni; jappoġġja t-talba tal-Bureau lis-Segretarju Ġenerali biex jinvestiga modi biex jiġi żgurat finanzjament sostenibbli tal-fond ta' pensjoni volontarja skont id-dispożizzjonijiet tal-Istatut għall-Membri filwaqt li tiġi żgurata trasparenza sħiħa; jappella lill-Bureau u lill-membri tal-fond ta' pensjoni volontarja biex jappoġġjaw miżuri li għandhom l-għan li jillimitaw id-defiċit tal-fond tal-pensjoni volontarja;

L-aspett ekoloġiku u ta' sostenibbiltà tal-operazzjonijiet tal-Parlament

159. Jappoġġa l-użu ta' skema Komunitarja ta' mmaniġġjar u awditjar ekoloġiċi (EMAS), li hija strument ta' ġestjoni tal-Unjoni għall-organizzazzjonijiet privati u pubbliċi biex jevalwaw u jtejbu l-prestazzjoni ambjentali tagħhom skont ir-Regolament (KE) Nru 1221/2009 ([14]); jirrikonoxxi li l-Parlament huwa l-ewwel istituzzjoni tal-Unjoni li saret newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju fl-2016 minħabba t-tpaċija ta' 100 % tal-emissjonijiet irriduċibbli tiegħu; jappoġġa l-miżuri meħuda biex jitnaqqsu aktar l-emissjonijiet tal-Parlament inkluż biex jiżdiedu l-miri tat-telexogħol fid-direttorati ġenerali differenti, jiġi limitat u ottimizzat il-ħin tal-ivvjaġġar għall-missjonijiet u jitħeġġeġ l-użu ta' mezzi tat-trasport sostenibbli eż. billi jiżdied l-għadd ta' postijiet ta' parkeġġ għar-roti;

160. jilqa' l-fatt li 100 % tal-karta A4 kollha użata fl-uffiċċji tal-Parlament hija riċiklata u jilqa' t-tnaqqis sinifikanti fix-xiri tal-karti fl-2019 meta mqabbel mal-2018; jilqa' l-isforzi tal-Parlament biex iżid l-għadd ta' laqgħat mingħajr karti u jitlob li jkun hemm aktar taħriġ lill-Membri, il-persunal u l-APAs kollha fir-rigward tal-għodod mingħajr karti li nħolqu biex jippermettu li jiġu stampati anqas dokumenti u għal aktar kampanji ta' komunikazzjoni;

([14]) Ir-Regolament (KE) Nru 1221/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-parteċipazzjoni volontarja ta' organizzazzjonijiet fi skema Komunitarja ta' ġestjoni u verifika ambjentali (EMAS) li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 761/2001 u d-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2001/681/KE u 2006/193/KE (ĠU L 342, 22.12.2009, p. 1).

161. Jitlob li jittieħdu aktar azzjonijiet ambizzjużi malajr u jemmen li l-għan aħħari għandu jkun Parlament ħieles mill-plastik li jintuża darba biss;

162. Jinnota li l-perċentwal ta' enerġija rinnovabbli pprovdut lill-Parlament fl-2019 kien għadu ta' 67 %, il-maġġoranza ta' din iċ-ċifra ġejja mix-xiri ta' elettriku ekoloġiku; jistieden lill-Parlament ikompli jżid il-perċentwal tal-enerġija rinnovabbli pprovdut lill-Parlament bil-ħsieb li tinkiseb provvista ta' enerġija rinnovabbli ta' 100 % mill-aktar fis possibbli, inkluż billi jintuża s-saqaf tal-Parlament ħalli jipproduċi l-enerġija solari tiegħu stess;

163. Ifakkar li d-Direttiva 2012/27/UE ([15]) dwar l-effiċjenza fl-enerġija tiddikjara li kull sena, 3 % tat-total tal-ispazju tal-art tal-binjiet tagħna jrid jiġi rinnovat sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija; jirrakkomanda li l-ippjanar baġitarju annwali jqis ir-rinnovazzjoni regolari tal-bini kollu u li jiġi allokat għal dan il-għan ammont li jikkorrispondi għal 3 % tal-erja tas-superfiċje kollha tal-binjiet kollha, kif diġà ġie rifless fl-'Istrateġija tal-Bini lil hinn mill-2019' adottata mill-Bureau fis-16 ta' April 2018; iqis li tali allokazzjoni hija parti minn politika immobiljari regolari u antiċipatorja li għandha tiffoka wkoll fuq modifika retroattiva kbira u għandha tiżgura li l-Parlament jistinka biex ikun hemm titjib sostanzjali fl-effiċjenza enerġetika u b'hekk ikun hemm iffrankar fil-konsum tal-enerġija u fl-ispiża tal-faċilitajiet tal-Parlament;

164. Jilqa' l-internalizzazzjoni b'suċċess tas-servizz tal-karozzi u l-bidla gradwali għal vetturi b'emissjonijiet żero bil-ħsieb li jkun hemm flotta ta' servizz newtrali fil-karbonju sa mhux aktar tard mill-2024; jirrikonoxxi l-għadd kbir ta' operazzjonijiet ta' kuljum u jfaħħar il-ħidma tas-servizz, li kisbet rata għolja ta' sodisfazzjon fost il-Membri; jistieden lis-Segretarju Ġenerali jintroduċi sistema ta' prenotazzjoni online faċli għall-utent u jeżamina l-possibbiltajiet biex jiżdied l-użu, li kien biss ta' 3 % fl-2019, u jwessa' l-grupp tal-utenti għall-prenotazzjoni tal-karozzi għar-rotta bejn Brussell u Strasburgu biex jitnaqqas l-impatt ambjentali tal-Parlament; jitlob li tiġi ċċirkolata komunikazzjoni aħjar dwar din il-possibbiltà sabiex jiġi żgurat li l-ebda karozza ma tivvjaġġa vojta lejn Strasburgu u lura;

165. Jilqa' l-adozzjoni mill-Bureau, fis-16 ta' Diċembru 2019, ta' miri ġodda u ambizzjużi għall-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni għas-sistema ta' ġestjoni ambjentali tal-Parlament, li jinkludu mira ta' tnaqqis ta' 40 % tal-emissjonijiet tal-karbonju, bid-data tal-2024 għall-perjodu leġiżlattiv il-ġdid; jitlob l-implimentazzjoni effiċjenti tal-azzjonijiet meħtieġa sabiex tintlaħaq il-mira fil-ħin u jsir rappurtar regolari lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-progress imwettaq; jistieden ukoll lill-Parlament jevalwa mill-ġdid il-mira tal-EMAS tiegħu fid-dawl tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ikkawżat mill-pandemija tal-COVID-19;

166. Ifaħħar l-impenn tal-Parlament favur l-akkwist pubbliku ekoloġiku; jinnota li l-objettiv tal-Parlament huwa li jżid il-perċentwal ponderat għall-valur tal-kuntratti fost ċerti prodotti prijoritarji kklassifikati bħala "Ekoloġiċi", "Ekoloġiċi Ħafna" jew "Ekoloġiċi min-Natura Tagħhom"; jinnota li fl-2019, 89,1 % tal-kuntratti skont il-valur fil-kategoriji ta' prodotti prijoritarji ġew ikklassifikati bħala "Ekoloġiċi", "Ekoloġiċi Ħafna" jew "Ekoloġiċi min-Natura Tagħhom"; jilqa' l-adozzjoni tal-Bureau, fis-16 ta' Diċembru 2019, ta' miri ġodda u ambizzjużi għall-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni għall-akkwist pubbliku ekoloġiku, li jfisser li medja ta' 90 % tal-kuntratti f'kategoriji ta' prodotti prijoritarji għandhom jiġu kklassifikati bħala "Ekoloġiċi", jew "Ta' Natura Ekoloġika" matul il-perjodu 2020-2024; jissottolinja l-ħtieġa li jiġi żviluppat akkwist pubbliku ekoloġiku ulterjuri billi jiġu stabbiliti objettivi ambizzjużi għal kuntratti ta' ekoloġizzazzjoni fuq perjodu ta' żmien medju;

167. Jilqa' l-intenzjoni tal-Parlament li jintroduċi rappurtar dwar is-sostenibbiltà, li se jinkludi aspetti soċjali tal-akkwist, jistieden lill-Parlament jimmonitorja l-iżviluppi fil-qasam tal-akkwist pubbliku soċjali u sostenibbli, bħall-ħidma tal-OECD dwar l-Akkwist Pubbliku u l-Imġiba Responsabbli fin-Negozju u l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li jmiss dwar id-diliġenza dovuta korporattiva; jemmen li bl-inkorporazzjoni ta' standards kummerċjali responsabbli fil-politiki tal-akkwist u tax-xiri tiegħu, il-Parlament jista' jmexxi bl-eżempju, jissalvagwardja l-interess pubbliku u jiżgura r-responsabbiltà tal-infiq pubbliku;

168. Jilqa' l-politika l-ġdida tal-parkeġġ żviluppata fil-parkeġġi tal-Parlament bl-għan li jiġi promoss l-użu ta' vetturi elettriċi, jiġifieri roti, roti-kargo, skuters u karozzi, permezz tal-installazzjoni ta' stazzjonijiet ta' ċċarġjar tal-elettriku; jappella li dik il-politika tiġi estiża għall-parkeġġi kollha tal-Parlament;

([15]) Id-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1).

169. Jisħaq fuq il-fatt li l-Parlament għandu jonora l-impenji tiegħu fir-rigward tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u, konsegwentement, irid jieħu passi xierqa fil-bini kollu tiegħu biex joħloq biżżejjed parkeġġi għar-roti, interni u esterni, fejn ir-roti jkunu protetti mis-serq, minn atti vandaliċi u mill-elementi, li jkunu disponibbli għall-membri kollha tal-persunal u, tal-anqas, joffri l-istess arranġamenti attwalment disponibbli fil-parkeġġi għall-karozzi tal-membri tal-persunal; f'dan ir-rigward, jista' jkun ukoll utli ħafna li jkun hemm sistema li fiha l-vinjetti jintużaw bħala mezz ta' identifikazzjoni;

170. Jilqa' ż-żieda sinifikanti fl-użu tar-roti fi Brussell fl-2019 meta mqabbel mal-2018;

171. Jinnota l-impatt ambjentali tar-rilokazzjoni rikorrenti tal-Parlament lejn Strasburgu;

Interpretazzjoni u traduzzjoni

172. Ifakkar li, fl-2019, id-Direttorat Ġenerali għal-Loġistika u l-Interpretazzjoni għall-Konferenzi kellu 530 membru tal-persunal u amministra 2,6 % tal-baġit globali tal-Parlament;

173. Ifaħħar il-proġett tal-'Organizzazzjoni tal-Konferenza One-Stop (OSCO)', konkluża fl-2019, li rrazzjonalizza b'mod konsiderevoli l-proċessi ta' ħidma relatati mal-organizzazzjoni tal-konferenzi u ppermetta lid-Direttorat Ġenerali għal-Loġistika u l-Interpretazzjoni għall-Konferenzi biex isir l-unika interfaċċa għal firxa ta' servizzi ta' konferenzi ta' kwalità għolja għal organizzaturi ta' laqgħat, konferenzi u avvenimenti fil-Parlament;

174. Josserva li l-Kodiċi ta' Kondotta rivedut għall-Multilingwiżmu, adottat mill-Bureau f'Lulju 2019, ta qafas aġġornat li fih kellu jopera u żgura li interpretazzjoni ta' kwalità għolja tista' tiġi pprovduta bir-riżorsi użati b'mod effiċjenti, adattata għall-ħtiġijiet tal-utenti tiegħu; jiddeplora l-fatt li l-Kodiċi ta' Kondotta rivedut għall-Multilingwiżmu għadu jassimila l-eżerċizzju baġitarju u ta' kwittanza bbażat fuq id-dritt primarju tal-Unjoni għal ħidma mhux leġiżlattiva, li jobbliga lill-Kumitat għall-Baġits u lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament, kull sena, jitolbu awtorizzazzjoni mill-Bureau biex jaqbżu r-riżerva annwali tiegħu ta' 45 paġna għat-testi ppreżentati għat-traduzzjoni; jistieden lill-Parlament jiżgura li l-Kodiċi ta' Kondotta għall-Multilingwiżmu jiġi applikat b'mod li jippermetti lill-Kumitat għall-Baġits tal-Parlament u lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit jeżerċitaw il-funzjonijiet baġitarji u ta' kwittanza ewlenin tal-Parlament minħajr ma jkollhom għalfejn jitolbu deroga annwali bħal din;

175. Jinnota b'apprezzament id-djalogu soċjali li sar bejn il-maniġment u r-rappreżentanti tal-interpreti impjegati li rriżulta fil-kundizzjonijiet tax-xogħol ġodda tat-8 ta' Settembru 2018; jappoġġja l-isforzi kontinwi kemm mir-rappreżentanti tal-amministrazzjoni kif ukoll mill-interpreti biex jiġi garantit multilingwiżmu sħiħ b'użu effiċjenti tar-riżorsi;

176. Jinnota li bosta komunikazzjonijiet u dokumenti huma disponibbli biss bl-Ingliż; jinnota wkoll li l-laqgħat ta' ħidma jsiru minħajr il-possibbiltà ta' interpretazzjoni; jitlob li l-Parlament jirrispetta l-prinċipji, id-drittijiet u l-obbligi stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u r-Regolament Nru 1/1958, kif ukoll fil-linji gwida u d-deċiżjonijiet interni, bħall-Kodiċi Ewropew ta' Mġiba Amministrattiva Tajba; konsegwentement, jappella lill-Parlament jipprovdi r-riżorsi umani meħtieġa biex jiżgura li l-multilingwiżmu jiġi rispettat, billi jżid l-għadd ta' persunal responsabbli għat-traduzzjoni u l-interpretazzjoni;

177. Ifakkar li fl-2019, id-Direttorat Ġenerali għat-Traduzzjoni kellu 1 117-il membru tal-persunal u amministra 0,5 % tal-baġit globali tal-Parlament;

178. Ifaħħar l-implimentazzjoni ta' sistema għall-akkreditazzjoni tat-traduttori esterni sabiex ikun hemm żieda fil-kwalità tat-traduzzjonijiet esternalizzati, b'enfasi fuq l-użu ta' traduttori 'akkreditati' li kellhom il-kapaċità ta' traduzzjoni tagħhom ittestjata, it-tisħiħ tal-kontroll ta' kwalità tat-traduzzjonijiet esternalizzati permezz tal-unitajiet tal-lingwa u t-tisħiħ tal-konsegwenzi kuntrattwali fil-każ ta' kwalità inferjuri;

179. Jistieden lis-Segretarju Ġenerali janalizza l-fattibbiltà tal-introduzzjoni tal-interpretazzjoni bil-lingwa tas-sinjali internazzjonali għad-dibattiti plenarji kollha, f'konformità mat-talbiet adottati mill-Plenarja, u jimplimenta din id-deċiżjoni fir-rigward tal-prinċipju ta' aċċess ugwali għaċ-ċittadini kollha;

Finanzi u Amministrazzjoni

180. Ifakkar li, fl-2019, id-DĠ FINS kellu 222 membru tal-persunal u amministra 22,7 % tal-baġit globali tal-Parlament;

181. Jikkundanna l-arretrati twal fir-rigward tar-rimborżi tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar fl-2019; jitlob li jiġu żgurati u jinżammu riżorsi suffiċjenti għad-DĠ FINS u li dawk ir-riżorsi jiġu allokati b'mod li tiġi evitata l-akkumulazzjoni ta' arretrati;

182. Jinnota li l-aġenzija ġdida tal-ivvjaġġar tal-Parlament bdiet topera fl-1 ta' Jannar 2019; jinnota li l-Membri esperjenzaw diffikultajiet biex jikkomunikaw maċ-ċentru telefoniku tal-aġenzija tal-ivvjaġġar matul u barra s-sigħat taxxogħol; jitlob titjib fid-disponibbiltà; josserva li, għall-Membri, l-aġenzija tal-ivvjaġġar issegwi d-direttivi tal-Unità tal-Ivvjaġġar u s-Sussistenza tal-Membri, skont liema t-titjiriet offruti għandhom dejjem ikunu bbażati fuq l-aktar rotta diretta bejn il-punt ta' tluq u ta' destinazzjoni u fuq l-irħas nollijiet kull meta jkun hemm diversi linji tal-ajru li jipproponu l-istess konnessjoni; jinnota li kwalunkwe dħul li tirċievi l-aġenzija tal-ivvjaġġar bħala riżultat tal-fatturat li sar fuq is-servizzi mogħtija lill-Parlament irid jiġi rimborżat lill-Parlament; jinnota li meta mqabbel massena ta' qabel, l-għadd annwali ta' lmenti baqa' stabbli bi 63 ilment irreġistrati fl-2019, li jirrappreżentaw 0,043 % tat-total ta' 144 913-il tranżazzjoni dik is-sena, u li l-maġġoranza tal-ilmenti rreġistrati kienu jikkonċernaw il-kwalità tas-servizzi mogħtija mill-aġenzija l-ġdida tal-ivvjaġġar, li rriżultaw mit-tranżazzjoni u l-bidu tal-operazzjonijiet tagħha, inklużi kanċellazzjonijiet tard u dewmien fl-ivvjaġġar;

183. Iqajjem dubji kbar dwar il-paragrafu 40 tar-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-14 ta' Mejju 2020 ([16]) dwar l-estimi tad-dħul u tan-nefqa tal-Parlament Ewropew għas-sena finanzjarja 2021 (2019/2214(BUD)) li jitlob lill-Bureau jirrevedi l-Miżuri ta' Implimentazzjoni tal-Istatut tal-Membri tal-Parlament sabiex il-Membri jiġu rimborżati għal biljetti tal-linji tal-ajru "flexible economy" meta jivvjaġġaw fl-Unjoni, b'eċċezzjonijiet aċċettati għal titjiriet itwal minn erba' sigħat ta' dewmien jew titjiriet b'waqfa skedata; jitlob li jitkompla t-trattament ugwali tal-Membri f'termini ta' biljetti offruti; ifakkar ukoll fl-għanijiet tal-Parlament li jkompli jnaqqas l-emissjonijiet tiegħu u jissottolinja li t-titjiriet diretti u biljetti flessibbli tal-ajru huma l-metodi tal-ivvjaġġar bl-ajru meħtieġ li jniġġsu l-inqas;

Allowance għall-Ispejjeż Ġenerali

184. Ifakkar fid-deċiżjoni li l-Membri kollha għandu jkollhom kont bankarju separat bl-għan li jirċievu l-allowance għall-ispejjeż ġenerali; jilqa' l-implimentazzjoni stretta mill-Parlament ta' dan l-obbligu li rriżultat f'rata ta' konformità ta' 100 %;

185. Ifakkar fl-Artikolu 11(4) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, kif adottat mill-Bureau fil-11 ta' Marzu 2019, li jistipula li "[l]-Bureau għandu jipprovdi l-infrastruttura meħtieġa fuq il-paġna web tal-Membri fuq il-websajt tal-Parlament għal dawk il-Membri li jixtiequ jippubblikaw awditjar volontarju jew konferma, kif previst fir-regoli applikabbli tal-Istatut tal-Membri u r-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu, li l-użu minnhom tal-Allowance għall-Ispejjeż Ġenerali jikkonforma mar-regoli applikabbli tal-Istatut tal-Membri u l-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu"; jinnota li dawn il-pubblikazzjonijiet isiru fuq bażi individwali u b'mod fakultattiv taħt ir-responsabbiltà tal-Membri stess u li l-amministrazzjoni tal-Parlament mhijiex responsabbli għall-ġbir tal-informazzjoni pprovduta; jistieden lis-servizzi tal-Parlament jibagħtu tfakkira annwali lill-Membri dwar din il-possibbiltà; jistieden lill-Parlament jinforma regolarment lill-awtorità ta' kwittanza dwar kemm Membri jsegwu dawn ir-rakkomandazzjonijiet sabiex l-infiq tal-flus tal-kontribwenti tal-Unjoni jsir aktar trasparenti u responsabbli;

186. Ifakkar li l-Membri jeżerċitaw il-mandat tagħhom b'mod liberu u indipendenti kif iddikjarat fl-Artikolu (2) tar-Regoli ta' Proċedura; jisħaq fuq il-fatt li kwalunkwe korp li jkollu l-kompitu li jelabora regoli u standards etiċi għandu jkun limitat għall-kompiti assenjati lilu u jrid jiżgura li r-rakkomandazzjonijiet tiegħu ma jillimitawx jew ma jfixklux il-mandat liberu tal-Membri;

187. Jisħaq fuq il-fatt li l-allowance għall-ispejjeż allowance ta' somma f'daqqa u jissottolinja l-ħtieġa ta' indipendenza tal-mandat liberu kif iddikjarat fir-regoli ta' proċedura; jilqa' d-deċiżjoni tal-Bureau li jinkariga grupp ta' ħidma bl-evalwazzjoni tal-operazzjoni tal-allowance għall-ispejjeż ġenerali matul l-aħħar snin u biex isib prattiki fattibbli għall-ġestjoni tal-allowance għall-ispejjeż ġenerali; jistieden lill-Bureau jieħu deċiżjoni sa tmiem l-2021; jisħaq fuq il-fatt li l-ġestjoni tal-allowance għall-ispejjeż ġenerali m'għandhiex twassal għal livell ogħla ta' burokrazija għall-uffiċċji tal-membri u għall-amministrazzjoni tal-Parlament;

([16]) Testi adottati, P9_TA(2020)0123.

188. Jenfasizza li d-deċiżjoni tal-Bureau tal-2018 dwar l-allowance għall-ispejjeż ġenerali tistipula li l-Bureau se jżomm din id-deċiżjoni sal-aħħar tal-2022 u se jevalwaha abbażi tal-esperjenza miksuba matul id-disa' leġislatura; jiddispjaċih li l-Bureau għadu jinjora r-rieda tal-plenarja espressa f'diversi okkażjonijie ([17]) *a* biex ikompli jirriforma l-allowance għall-ispejjeż ġenerali, biex b'hekk jiġi evitat b'mod attiv li l-ispejjeż tal-Membri ta' flus il-kontribwenti tal-Unjoni jsiru aktar trasparenti u responsabbli; iħeġġeġ lill-Bureau jimplimenta minnufih id-deċiżjonijiet tal-Plenarja mir-rapporti dwar il-kwittanza tal-Parlament tal-2017 u l-2018 li jintroduċu bidliet fir-regoli li jirregolaw l-allowance għall-ispejjeż ġenerali; jisħaq li kwalunkwe miżura ġdida volontarja u/jew mhux obbligatorja għal aktar trasparenza u obbligu ta' rendikont finanzjarju ma għandhiex toħloq burokrazija żejda għall-Membri u l-uffiċċji tagħhom;

189. Jissottolinja li l-governanza tajba hija bbażata fuq ġestjoni finanzjarja soda u l-proporzjonalità; jistieden lill-Bureau jqis il-kosteffettività u l-proporzjonalità ta' kwalunkwe investiment ulterjuri u l-benefiċċji miksuba permezz ta' nfiq ulterjuri tal-flus tal-kontribwenti u ż-żieda fil-burokrazija;

Rapport annwali dwar il-kuntratti mogħtija

190. Ifakkar li r-Regolament Finanzjarju jistipula l-informazzjoni li trid tiġi fornuta lill-awtorità baġitarja, kif ukoll lill-pubbliku, dwar l-għoti ta' kuntratti mill-istituzzjoni; jinnota li r-Regolament Finanzjarji jirrikjedi l-pubblikazzjoni tal-kuntratti mogħtija ta' valur ogħla minn EUR 15 000, valur li jikkorrispondi għal-limitu minimu li jekk jinqabeż jiskatta l-obbligu tal-proċedura kompetittiva ta' offerti;

191. Jinnota li minn total ta' 225 kuntratt mogħtija fl-2019, 83 kienu bbażati fuq proċeduri miftuħa jew ristretti, b'valur ta' EUR 597,3 miljun, u 141 kienu bbażati fuq proċeduri negozjati, b'valur totali ta' EUR 208,5 miljun; jinnota li l-għadd totali ta' kuntratti mogħtija bi proċeduri negozjati żdied f'termini ta' valur bħala perċentwal tal-valur totali ta' kuntratti mogħtija, minn 6 % fl-2018 għal 26 % fl-2019, kif ukoll f'termini ta' volum, minn EUR 35,86 miljun fl-2018 għal EUR 208,53 miljun fl-2019;

192. Jinnota li l-kuntratti mogħtija fl-2019 u fl-2018 jistgħu jinqasmu kif ġej skont it-tip, inklużi l-kuntratti ta' bini:

Tip ta' kuntratt	2019		2018	
	Għadd	Perċentwal	Għadd	Perċentwal
Servizzi	177	78 %	199	79 %
Provvista	33	15 %	37	15 %
Xogħlijiet	13	6 %	12	5 %
Bini	2	1 %	3	1 %
Total	225	100 %	251	100 %

Tip ta' kuntratt	2019		2018	
	Valur (EUR)	Perċentwal	Valur (EUR)	Perċentwal
Servizzi	581 610 182	72 %	256 374 627	42 %
Provvista	85 741 237	10 %	210 526 209	35 %
Xogħlijiet	135 211 526	17 %	133 431 628	22 %
Bini	4 260 000	1 %	5 039 824	1 %
Total	806 822 945	100 %	605 372 288	100 %

(Rapport annwali dwar il-kuntratti mogħtija mill-Parlament Ewropew, 2019, p. 5)

([17]) Kwittanza 2017: Baġit Ġenerali tal-UE - Il-Parlament Ewropew, 26 ta' Marzu 2019; Kwittanza 2018: Baġit Ġenerali tal-UE - Il-Parlament Ewropew, 14 ta' Mejju 2020;

193. Jinnota t-tqassim tal-kuntratti mogħtija fl-2019 u fl-2018 skont it-tip ta' proċedura użata kif ġej, f'termini ta' għadd u ta' valur:

Tip ta' proċedura	2019		2018	
	Għadd	Perċentwal	Għadd	Perċentwal
Miftuħa	82	36,44 %	89	35,46 %
Ristretta	1	0,44 %	5	1,99 %
Negozjata	141	62,68 %	155	61,75 %
Lista CEI	—	—	1	0,40 %
Eċċezzjonali	1	0,44 %	1	0,40 %
Total	225	100 %	251	100 %

Tip ta' proċedura	2019		2018	
	Valur (EUR)	Perċentwal	Valur (EUR)	Perċentwal
Miftuħa	595 584 380	486 039 380	74	80
Ristretta	1 735 269	0	83 433 046	14
Negozjata	208 533 296	26	35 859 040	6
Lista CEI	—	—	24 221	0
Eċċezzjoni	970 000	0	16 600	0
Total	806 822 945	100 %	605 372 288	100 %

(Rapport annwali dwar il-kuntratti mogħtija mill-Parlament Ewropew, 2019, p. 7)

194. Jiddispjaċih li kien hemm 1 369 offerta b'offerent uniku fost l-offerti pubbliċi kollha għal kuntratti għax-xiri ta' oġġetti u servizzi mill-Parlament; jinnota li l-offerti b'offerent uniku jġorru magħhom theddida sinifikanti għall-infiq xieraq tal-flus pubbliċi; jistieden lill-Parlament jinvestiga r-raġunijiet għan-nuqqas apparenti ta' kompetizzjoni u jieħu l-miżuri meħtieġa biex jipprevjeni offerti b'offerent uniku fi proċeduri futuri;

Gruppi politiċi (partita baġitarja 4 0 0)

195. Jinnota li, fl-2019, l-approprjazzjonijiet imdaħħla taħt il-partita baġitarja 4 0 0, attribwita lill-gruppi politiċi u l-Membri mhux affiljati, intużaw kif ġej ([18]):

([18]) L-ammonti kollha qed jiġu espressi f'eluf ta' EUR.

Grupp	2019 (1)					2018				
	Approprjazzjonijiet annwali	Riżorsi proprji u approprjazzjonijiet riportati	Nefqa	Rata ta' użu tal-approprjazzjonijiet annwali	Ammonti riportati għall-perjodu li jmiss	Approprjazzjonijiet annwali	Riżorsi proprji u approprjazzjonijiet riportati	Nefqa	Rata ta' użu tal-approprjazzjonijiet annwali	Ammonti riportati għall-perjodu li jmiss
Grupp tal-Partit Popolari Ewropew (PPE)	17 139	4 253	16 993	99,15	4 399	18 282	6 690	20 820	113,88	4 152
Grupp tal-Alleanza Progressiva tas-Soċjalisti u d-Demokratiċi (S&D)	14 611	4 807	13 705	93,80	5 710	15 792	5 863	16 888	106,94	4 767
Renew Europe (dik li kienet l-Alleanza tal-Liberali u d-Demokratiċi għall-Ewropa (ALDE))	7 721	1 627	5 510	71,37	3 838	5 823	1 824	6 033	103,61	1 614
Grupp tal-Ħodor/Alleanza Ħielsa Ewropea (Verts/ALE)	5 573	1 388	4 585	82,27	2 376	4 478	1 579	4 669	104,27	1 388
Grupp Identità u Demokrazija (ID) (3)	3 244	0	1 629	50,22	1 615					
Grupp tal-Konservattivi u r-Riformisti Ewropej (ECR)	6 053	1 946	5 730	94,66	2 270	6 182	2 962	7 200	116,47	1 944
Grupp tax-Xellug Magħqud Ewropew/Xellug Aħdar Nordiku (GUE/NGL)	4 156	1 110	3 731	89,77	1 535	4 443	1 257	4 590	103,31	1 110
Grupp għal Ewropa tal-Libertà u d-Demokrazija Diretta (EFDD) (2)	1 851	1 915	1 508	81,45	0	3 829	1 828	2 725	71,17	1 915
Grupp għal Ewropa tan-Nazzjonijiet u tal-Libertà (ENF) (2)	1 620	653	1 609	99,34	0	3 238	1 094	3 612	111,55	720
Membri mhux affiljati	2 019	367	481	23,84	738	1 153	314	537	46,57	442
Total	63 987	18 067	55 481	86,71	22 482	63 220	23 412	67 073	106,09	18 052

Noti għat-tabella ta' hawn fuq:

(1) L-2019 kienet sena elettorali u l-gruppi politiċi ppreżentaw il-kontijiet tagħhom f'żewġ partijiet għal kull wieħed miż-żewġ semestri. Għall-gruppi politiċi li komplew l-attività tagħhom wara l-elezzjonijiet Ewropej tal-2019, iċ-ċifri għall-approprjazzjonijiet u l-infiq annwali jirreferu għas-somma taż-żewġ semestri.

(2) Għall-gruppi politiċi li ġew xolti wara l-elezzjonijiet Ewropej tal-2019, iċ-ċifri huma għall-ewwel semestru biss.

(3) Għall-gruppi politiċi li ma kinux jeżistu qabel l-elezzjonijiet Ewropej tal-2019, iċ-ċifri huma biss għat-tieni semestru.

196. Jilqa' l-fatt li awdituri esterni indipendenti għall-gruppi politiċi ħarġu biss opinjonijiet mhux kwalifikati għas-sena finanzjarja 2019;

Il-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej

197. Jinnota li l-Awtorità nħolqot fl-2016 bil-kompitu li tivvaluta t-talbiet ta' reġistrazzjoni, tirreġistra partijiet u fondazzjonijiet ġodda tal-Unjoni, tissorvelja l-finanzjament tagħhom u timponi sanzjonijiet f'każijiet ta' nuqqas ta' rispett tal-obbligi tagħhom; jirrikonoxxi li din saret kompletament operattiva fl-2017;

198. Jinnota li l-2018 kienet l-ewwel sena ta' implimentazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 ([19]) fil-partijiet kollha tiegħu, speċjalment fir-rigward tar-rwol tal-Awtorità; josserva li, skont dak ir-Regolament, fl-2019, l-Awtorità rrevediet għall-ewwel darba, il-kontijiet tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet relatati mas-sena finanzjarja 2018;

199. Jinnota li fil-qafas tal-elezzjonijiet Ewropej tal-2019, l-Awtorità, flimkien mad-DĠ FINS, żviluppat sett ta' prinċipji li jagħmlu operattiv id-dritt tal-partiti politiċi Ewropej għal kampanja elettorali Ewropea, filwaqt li fl-istess ħin jistipulaw il-limiti tagħha; jirrikonoxxi d-diffikultajiet prattiċi maħluqa min-natura tar-regolament u jenfasizza l-ħtieġa tar-reviżjoni tiegħu; josserva n-natura awtomatika tas-sanzjonijiet u jindika l-ħtieġa ta' titjib fil-proporzjonalità u l-flessibbiltà;

200. Jilqa' l-mossa mill-Awtorità għal aktar trasparenza, li inkludiet l-pubblikazzjoni, għall-ewwel darba fl-2020, tar-Rapport Annwali tal-Attività tagħha għall-2019 mingħajr restrizzjoni fuq il-ħelsien tagħha u l-parteċipazzjoni tad-direttur tagħha fis-seduta annwali ta' smigħ għall-kwittanza tal-Parlament li saret fis-16 ta' Novembru 2020;

201. Jistieden lill-Awtorità tiżgura li l-informazzjoni li tkopri r-reġistrazzjoni u s-sitwazzjoni finanzjarja tal-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej issir, kemm jista' jkun, disponibbli pubblikament b'mod faċli għall-utent, komplet u aġġornat;

202. Jinnota li, fl-2019, l-approprjazzjonijiet imdaħħla taħt il-partita baġitarja 4 0 2 intużaw kif ġej ([20]):

Partit (2019)	Abbrevjazzjoni	Riżorsi proprji	Kontribuzzjoni finali tal-PE ([1])	Dħul totali	Kontribuzzjoni tal-PE bħala % tan-nefqa rimborżabbli (massimu 90 %)	Bilanċ pożittiv mid-dħul (trasferiment għar-riżervi jew telf)
Partit Popolari Ewropew	EPP	1 751 449	13 433 000	15 184 449	90 %	116 515
Partit tas-Soċjalisti Ewropej	PES	1 091 101	8 405 284	9 496 385	90 %	115 131
Partit tal-Alleanza tal-Liberali u d-Demokratiċi għall-Ewropa	ALDE	851 728	4 848 119	5 699 847	90 %	801 704
Partit tal-Ħodor Ewropej	EGP	539 667	3 471 165	4 010 832	90 %	603 669

([19]) Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej (ĠU L 317, 4.11.2014, p. 1).

([20]) L-ammonti kollha qed jiġu espressi f'eluf ta' EUR.

Partit (2019)	Abbrevjazzjoni	Riżorsi proprji	Kontribuzzjoni finali tal-PE ([1])	Dħul totali	Kontribuzzjoni tal-PE bħala % tan-nefqa rimborżabbli (massimu 90 %)	Bilanċ pożittiv mid-dħul (trasferiment għar-riżervi jew telf)
Partit tax-Xellug Ewropew	EL	312 832	1 772 817	2 085 649	90 %	—
Partit Demokratiku Ewropew	PDE	100 944	671 170	772 114	90 %	49 246
Alleanza Ewropea Ħielsa	EFA	200 053	1 219 623	1 419 676	90 %	55 400
Partit tal-Konservattivi u Riformisti Ewropej	Partit ECR	607 157	3 493 333	4 100 490	90 %	158 166
Moviment Politiku Kristjan Ewropew	MPKE	140 512	1 000 214	1 140 726	83 %	—
Partit Identità u Demokrazija	Partit ID	114 250	615 067	729 317	90 %	—
TOTAL		5 709 693	38 929 792	44 639 485		1 899 831

Noti:

Noti ([1]): Magħmul mit-tieni parti tal-finanzjament finali tal-2018 u l-ewwel parti tal-finanzjament finali tal-2019 skont id-Deċiżjoni tal-Bureau tat-18 ta' Jannar 2021.

203. Jinnota li, fl-2019, l-approprjazzjonijiet imdaħħla taħt il-partita baġitarja 4 0 3 intużaw kif ġej ([21]):

Fondazzjoni (2019)	Abbrevjazzjoni	Affiljat mal-partit	Riżorsi proprji	Għotja finali tal-PE	Dħul totali	Għotja tal-PE bħala % tal-ispejjeż eleġibbli (massimu 95 %)	Bilanċ pożittiv mid-dħul (trasferiment għar-riżervi jew telf)
Ċentru għall-Istudji Ewropej Wilfried Martens	ĊSEWM	EPP	622 669	5 971 543	7 433 520	95 %	255 171
Fondazzjoni għall-Istudji Progressivi Ewropej	FEPS	PES	662 446	5 142 293	5 906 538	92 %	—
Forum Liberali Ewropew	ELF	ALDE	202 565	1 798 601	2 114 273	95 %	90 914
Fondazzjoni Ħadra Ewropea	GEF	EGP	79 513	1 368 333	1 484 738	95 %	-
Inbiddlu l-Ewropa	TE	EL	110 698	1 096 144	1 217 889	92 %	7 401

([21]) L-ammonti kollha qed jiġu espressi f'eluf ta' EUR.

Fondazzjoni (2019)	Abbrevjazzjoni	Affiljat malpartit	Riżorsi proprji	Għotja finali tal-PE	Dħul totali	Għotja tal-PE bħala % tal-ispejjeż eleġibbli (massimu 95 %)	Bilanċ pożittiv middħul (trasferiment għar-riżervi jew telf)
Istitut tad-Demokratiċi Ewropej	IED	PDE	23 261	421 786	472 185	95 %	—
Fondazzjoni Coppieters	Coppieters	EFA	84 666	534 179	618 845	95 %	38 624
Direzzjoni Ġdida - Fondazzjoni għar-Riforma Ewropea	ND	Partit ECR	253 558	1 636 452	1 995 962	95 %	—
Sallux	SALLUX	MPKE	23 537	365 590	448 654	95 %	3 282
Fondazzjoni tal-Assoċjazzjoni għall-Identità u d-Demokrazija	Fondazzjoni ID	Partit ID	23 000	436 999	978 653	95 %	—
TOTAL			2 085 913	18 771 920	22 671 257		395 392

204. Jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li fi tmiem l-2021 tirrieżamina r-Regolament (UE, Euratom) 2018/673 ([22]), bil-għan li dan imur lil hinn mill-objettiv attwali li jiġu indirizzati r-regoli dwar il-finanzjament u t-trasparenza u b'hekk jiġu ffaċilitati l-kundizzjonijiet ta' reġistrazzjoni fi ħdan l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 u li s-sħubija tinfetaħ għaċ-ċittadini kollha tal-Unjoni biex tiġi pprovduta rappreżentanza aktar inklużiva tal-partiti politiċi attivi fil-livell Ewropew;

205. Jinnota bi thassib li diversi partiti politiċi transnazzjonali eżistenti li huma attivi fil-politika Ewropea u rrappreżentati fil-Parlament mhumiex permessi jirreġistraw uffiċjalment bħala partiti politiċi Ewropej minħabba r-rekwiżiti elenkati fir-Regolament (UE, Euratom) 2018/673, u dan ifixkel ir-rappreżentanza demokratika ta' partiti politiċi iżgħar fil-livell Ewropew; jissuġġerixxi li b'dan il-għan il-Kummissjoni għandha tagħmel proposta ta' riforma ambizzjuża sa tmiem l-2021.

([22]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/673 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Mejju 2018 li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej (ĠU L 114 I, 4.5.2018, p. 1).